SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

1 ta' Lulju 2010 *

Fil-Kawżi magħquda T-568/08 u T-573/08,

Métropole télévision (M6), stabbilita f'Neuilly-sur-Seine (Franza), irrappreżentata minn O. Freget, N. Chahid-Nouraï, R. Lazerges u M. Potel, avukati,

Télévision française 1 SA (TF1), stabbilita f'Boulogne-Billancourt (Franza), irrappreżentata minn J.-P. Hordies u C. Smits, avukati,

rikorrenti,

sostnuti minn

Canal +, stabbilita f'Issy-les-Moulineaux (Franza), irrappreżentata minn E. Guillaume, avukat,

intervenjenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn B. Stromsky u B. Martenczuk, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata inizjalment minn G. de Bergues u A.-L. Vendrolini, sussegwentement minn G. de Bergues u L. Butel, bħala aġenti,

France Télévisions, stabbilita f'Pariġi (Franza), irrappreżentata minn J.-P. Gunther, D. Tayar, A. Giraud u S. Snoeck, avukati,

intervenjenti,

u li għandha bħala suġġett talbiet għall-annullament tad-Deċiżjoni C (2008) 3506 finali tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar il-proġett ta' għoti mir-Repubblika Franċiża ta' kapital ta' EUR 150 miljun lil France Télévisions SA, u talbiet sabiex il-Kummissjoni tibda proċedura ta' investigazzjoni formali,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President, M. Prek u V. M. Ciucă, Imħallfin,

Reġistratur: T. Weiler, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Marzu 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-kuntest ġuridiku

1 L-Artikolu 16 KE jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 73 [KE], 86 [KE] u 87 [KE], u meta tikkonsidra l-post okkupat mis-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fil-valuri komuni ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll tar-rwol tagħhom li jippromwovu l-koeżjoni soċjali u territorjali, il-Komunità u l-Istati Membri, skond il-poteri rispettivi tagħhom u fl-iskop ta' l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat, għandhom jieħdu ħsieb li dawk is-servizzi joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet li jippermettulhom li jwettqu l-missjonijiet tagħhom."

2 L-Artikolu 86(2) KE jipprovdi:

"Kull impriża responsabbli biex topera servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali jew li jkollha l-karattru ta' monopolju fiskali għandha tkun soġġetta għar-regoli ta' dan it-Trattat, b'mod partikolari dawk li jirreferu għall-kompetizzjoni, safejn

l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma jostakolawx it-twettiq *de jure* jew *de facto* tal-funzjonijiet speċifiċi mogħtija lil dik l-impriża. L-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux jiżviluppa b'mod kuntrarju għall-interessi tal-Komunità."

3 L-Artikolu 87(1) KE jipprovdi:

"Bla ħsara ta' kull deroga kontemplata f'dan it-Trattat, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti [produtturi] għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkumpatibbli mas-suq komuni."

4 L-Artikolu 311 KE jipprovdi:

"Il-protokolli annessi ma' dan it-Trattat bi ftehim bejn l-Istati Membri għandhom jifformaw parti integrali mill-istess Trattat."

5 Il-Protokoll dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri (ĠU 1997, C 340, p. 109, iktar 'il quddiem, il-"Protokoll ta' Amsterdam"), introdott bit-Trattat ta' Amsterdam u anness mat-Trattat KE, jipprovdi:

"[L-Istati Membri] waqt li jikkunsidraw li s-sistema ta' xandir pubbliku fl-Istati Membri hija direttament relatata mal-ħtiġijiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' kull soċjetà u mal-ħtieġa li jkun imħares il-pluraliżmu tal-media; ftiehmu dwar id-dispożizzjonijiet ta' interpretazzjoni li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat [KE],

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat [KE] għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jipprovdu għall-finanzjament ta' servizz pubbliku ta' xandir sa fejn dan il-finanzjament ikun mogħti lill-organizzazzjonijiet tax-xandir għat-twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku kif mogħtija, definita u organizzata minn kull Stat Membru, u sakemm dan il-finanzjament ma jaffettwax il-kondizzjonijiet ta' kummerċ u l-kompetizzjoni fil-Komunità sal-punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni, waqt li jibqa' jittieħed kont tat-twettiq tal-missjoni ta' dak is-servizz pubbliku."

6 Fil-15 ta' Novembru 2001, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli għall-għajnuna tal-Istat lis-servizzi ta' xandir pubbliku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 117, iktar 'il quddiem, il-"Komunikazzjoni dwar ix-xandir"), li fiha l-Kummissjoni ħabbret il-prinċipji li hija kienet ser issegwi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 87 KE u tal-Artikolu 86(2) KE għall-finanzjament tal-entitajiet pubbliċi ta' xandir mill-Istat.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

7 France Télévisions hija kumpannija pubblika Franċiża, maħluqa mil-Liġi Franċiża 2000-719, tal-1 ta' Awwissu 2000, li temenda l-Liġi 86-1067, tat-30 ta' Settembru 1986, dwar il-libertà ta' komunikazzjoni (JORF Nru 177, tat-2 ta' Awwissu 2000, p. 11903), u hija proprjetarja tal-istazzjonijiet ta' servizz pubbliku France 2, France 3, France 4, France 5, France Ô, kif ukoll RFO (Réseau France Outre-mer) li jinkludu l-istazzjonijiet televiżivi u tar-radju pubbliċi li jxandru fid-dipartimenti u t-territorji Franċiżi extra-Ewropej.

8 Wara d-dikjarazzjoni, fit-8 ta' Jannar 2008, mill-President tar-Repubblika Franċiża, tat-tneħħija eventwali tar-riklamar televiżiv fuq it-televiżjoni pubblika, ir-Repubblika Franċiża, fil-11 ta' Ġunju 2008, innotifikat lill-Kummissjoni bil-proġett tagħha li tipproċedi għal għoti ta' kapital ta' EUR 150 miljun favur France Télévisions.

9 Fit-18 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni talbet informazzjoni supplimentari mingħand ir-Repubblika Franċiża, li ġiet ipprovduta lilha permezz ta' ittra tas-26 ta' Ġunju 2008.

10 Fis-16 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2008) 3506 finali, dwar il-proġett ta' għoti mir-Repubblika Franċiża ta' kapital ta' EUR 150 miljun lil France Télévisions (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata"). Komunikazzjoni konċiża ta' din id-deċiżjoni ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-23 ta' Settembru 2008 (ĠU C 242, p. 2).

11 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li l-miżura nnotifikata kienet tintsab fil-kuntest ġenerali tal-finanzjament pubbliku ta' France Télévisions, li diġà kien ġie eżaminat fid-Deċiżjoni 2004/838/KE tagħha, tal-10 ta' Diċembru 2003,

dwar l-għajnuniet mill-Istat mogħtija minn Franza favur France 2 u France 3 (ĠU 2004, L 361, p. 21, iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 2003") u fid-Deċiżjoni C (2005) 1166 finali tagħha, tal-20 ta' April 2005, dwar l-għajnuna mogħtija lil France Télévisions [għajnuna E 10/2005 (ex C 60/1999) — Franza, ħlas tal-liċenzja tax-xandir], li komunikazzjoni konċiża dwarha ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tat-30 ta' Settembru 2005 (ĠU C 240, p. 20) (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni tal-20 ta' April 2005"), iżda kienet tikkostitwixxi miżura distinta minn dawk suġġetti għad-deċiżjonijiet imsemmija (punt 3 tad-deċiżjoni kkontestata).

12 Fl-evalwazzjoni tagħha tal-miżura nnotifikata, il-Kummissjoni, wara li kkonstatat li kienu sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, jiġifieri l-intervent mill-Istat jew l-użu ta' riżorsi tal-Istat, l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, l-eżistenza ta' vantaġġ u, fl-aħħar nett, id-distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni (punti 13 sa 33 tad-deċiżjoni kkontestata), eżaminat il-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq komuni abbażi tal-Artikolu 86(2) KE (punti 34 sa 50 tad-deċiżjoni kkontestata).

13 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni, wara li kkonstatat li l-kundizzjoni dwar id-definizzjoni, il-mandat u l-kontroll tal-missjoni ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions kienet sodisfatta (punti 36 sa 42 tad-deċiżjoni kkontestata), eżaminat il-kundizzjoni ta' proporzjonalità (punti 43 sa 49 tad-deċiżjoni kkontestata).

14 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrilevat li l-finanzjament tas-servizz pubbliku pprovdut minn France Télévisions kien ibbażat fuq sistema mħallta skont il-komunikazzjoni dwar ix-xandir, fis-sens li jinkludi riżorsi mill-Istat u dħul minn attivitajiet kummerċjali, u li din il-komunikazzjoni fakkret il-libertà li bħala prinċipju għandhom l-Istati Membri biex jagħżlu l-mezzi ta' finanzjament tal-obbligi tas-servizz pubbliku u kienet titlaq mill-prinċipju li l-finanzjament mill-Istat huwa ġeneralment neċessarju għal dan il-għan, sakemm l-għajnuniet mill-Istat ma jaqbżux l-ispejjeż

netti li jirriżultaw mill-missjoni ta' servizz pubbliku, waqt li jitqies dħul dirett jew indirett ieħor li rriżulta minn din tal-aħħar (paragrafu 43 tad-deċiżjoni kkontestata).

15 Il-Kummissjoni kkonstatat li l-għajnuna mill-Istat innotifikata "prevista fil-forma tal-għoti ta' kapital ta' EUR 150 miljun kienet taqbeż biss b'madwar EUR […] miljun id-diskrepanza tad-dħul mir-riklamar diġà kkonstat ta' EUR […] miljun bejn id-dħul mir-riklamar imdaħħal bejn Jannar u Ġunju 2008 u dawk tal-istess perijodu Jannar-Ġunju għall-2007". Hija kompliet tgħid li, "bil-konferma tar-rieda tal-gvern li jneħħi r-riklamar mit-televiżjonijiet pubbliċi, il-kontinwazzjoni ta' din it-tendenza tidher biżżejjed prevedibbli sabiex tintlaħaq l-istima li saret mill-operatur u aċċettata mill-awtoritajiet Franċiżi ta' EUR […] miljun ta' telf ta' dħul għas-sena 2008 kollha" (punt 45 tad-deċiżjoni kkontestata). [traduzzjoni mhux uffiċjali]

16 Il-Kummissjoni kkonstatat li, "f'dan il-kuntest, id-definizzjoni tal-obbligi u sorsi oħrajn ta' finanzjament tas-servizz pubbliku għal France Télévisions tibqa' l-istess, bi spejjeż miżjuda li jammontaw għal EUR […] miljun skont l-awtoritajiet Franċiżi minħabba l-ħtieġa ta' programmazzjoni supplimentari kkawżata mit-tneħħija tar-riklami", u kkonstatat li "t-tnaqqis ta' dħul mir-riklamar li jammonta għal EUR […] miljun aktarx li jnaqqas b'ammont ekwivalenti l-profitt nett tal-attivitajiet kummerċjali billi, għaldaqstant, iżid awtomatikament u proporzjonalment l-ispiża netta tal-attività ta' servizz pubbliku li tkun, barra minn hekk, miżjuda bl-ammont ta' EUR […] miljun, li huwa meħtieġ għall-programmazzjoni supplimentari" (punt 46 tad-deċiżjoni kkontestata). [traduzzjoni mhux uffiċjali]

17 Il-Kummissjoni kkunsidrat li, "f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għoti ta' EUR 150 miljun f'riżorsi pubbliċi supplimentari aktarx li ma kinitx ser taqbeż il-varjazzjonijiet ikkawżati fl-ispiża netta tas-servizz pubbliku minħabba l-bidliet fid-dħul mir-riklamar għall-2008 u l-ħtieġa ta' programmazzjoni supplimentari" u li, "minħabba dan, l-għoti

ta' kapital ma għandux jikkawża kumpens żejjed tal-ispejjeż li jirriżultaw mit-twettiq tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku" (punt 47 tad-deċiżjoni kkontestata) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

18 Il-Kummissjoni rrilevat, b'referenza għall-impenji mogħtija mir-Repubblika Franċiża fil-kuntest ta' miżuri oħrajn ta' finanzjament ta' France Télévisions li ġew eżaminati fid-deċiżjoni tal-20 ta' April 2005 (punt 12 tad-deċiżjoni kkontestata), li, "fi kwalunkwe każ, l-allokazzjoni ta' riżorsi pubbliċi ġodda lil France Télévisions tibqa' suġġetta għall-osservanza tal-impenn mogħti mir-Repubblika Franċiża u fformulat fit-testi leġiżlattivi u r-regolamenti tagħha sabiex jiġi evitat li l-għoti ta' riżorsi pubbliċi jirriżulta fi kwalunkwe kumpens żejjed tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku […]" (punt 48 tad-deċiżjoni kkontestata) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

19 Il-Kummissjoni indikat li, "fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-awtoritajiet Franċiżi kienu kkonfermawlha […] li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw" u li "huma jimpenjaw ruħhom li japplikawhom għall-għoti ta' kapital previst bl-għan li jintuża għall-ispejjeż li jirriżultaw minn obbligi ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions". Il-Kummissjoni qalet ukoll li "l-awtoritajiet imsemmija kienu b'hekk taw impenn li jivverifikaw li dan huwa l-każ u li jirrapportawlha dwar dan […] sa mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-għeluq tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2008", u rrilevat li "għandhom jiġu kkunsidrati l-iżviluppi reali fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions għas-sena 2008 kollha u tal-ispejjeż eventwali ta' programmazzjoni li jżidu mal-ispejjeż tas-servizz pubbliku" (punt 49 tad-deċiżjoni kkontestata). [traduzzjoni mhux uffiċjali]

20 Il-Kummissjoni, fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, iddeċidiet, fil-kuntest tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżura nnotifikata, peress li kienet għajnuna kompatibbli mat-Trattat, abbażi tal-Artikolu 86(2) KE, u ddeċidiet li r-Repubblika Franċiża għandha tibgħatilha rapport

dwar l-użu effettiv ta' dik l-għajnuna għall-finanzjament tal-obbligi ta' servizz pubbliku, liema rapport għandu jsir minn France Télévisions fi żmien tliet xhur wara l-għeluq tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2008 (deċiżjoni kkontestata, taħt it-Titolu "5. Deċiżjoni").

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

21 Permezz ta' atti ppreżentati fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Diċembru 2008, ir-rikorrenti, Métropole télévision (M6) u Télévision française 1 SA (TF1), ippreżentaw dawn ir-rikorsi.

22 Permezz ta' żewġ digrieti mill-President tal-Ħames Awla tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Mejju 2009, Canal + ingħatat permess biex tintervjeni insostenn tat-talbiet ta' M6, fil-Kawża T-568/08, u ta' TF1, fil-Kawża T-573/08.

23 Permezz ta' erba' digrieti mill-President tal-Ħames Awla tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2009, ir-Repubblika Franċiża u France Télévisions ingħataw permess biex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni fil-Kawżi T-568/08 u T-573/08.

24 Permezz ta' digriet mill-President tal-Ħames Awla tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Frar 2010, dawn il-kawżi ngħaqdu għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

25 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Marzu 2010, Canal + informat lill-Qorti Ġenerali li ma kellhiex intenzjoni li tintervjeni matul is-seduta tal-10 ta' Marzu 2010.

26 Fil-Kawża T-568/08, M6, sostnuta — ħlief fir-rigward tal-ispejjeż — minn Canal +, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors bħala ammissibbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

27 Fil-Kawża T-573/08, TF1, sostnuta — ħlief fir-rigward tal-ispejjeż — minn Canal +, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors bħala ammissibbli u fondat;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

28 F'kull waħda mill-Kawżi T-568/08 u T-573/08, il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika Franċiża u minn France Télévisions, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

29 Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2010, ir-rikorrenti rrinunzjaw għat-tielet kap tat-talbiet tagħhom, fejn kienu talbu li jiġi ordnat il-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, u dan l-att tniżżel fil-verbal tas-seduta.

Id-dritt

30 M6 tinvoka tliet motivi ta' annullament, li jallegaw, fl-ewwel lok, ksur tad-drittijiet proċedurali tagħha, fit-tieni lok, l-insuffiċjenza tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni u, fit-tielet lok, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. TF1 tinvoka żewġ motivi ta' annullament, li jallegaw, fl-ewwel lok, ksur tal-obbligu li tinbeda proċedura ta' investigazzjoni formali fil-preżenza ta' diffikultajiet gravi u, fit-tieni lok, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

31 Fir-rigward tal-ewwel motiv ta' annullament ta' M6, li l-ammissibbiltà tiegħu ġiet ikkontestata mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, dan għandu jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli. Fil-fatt, dan l-ewwel motiv ta' annullament ta' M6 għandu jinqara flimkien mat-tieni motiv ta' annullament tal-istess rikorrenti, li t-tnejn flimkien jitolbu, essenzjalment u bħall-ewwel motiv ta' annullament ta' TF1, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, minħabba l-eżistenza ta' diffikultajiet gravi li kienu jirrikjedu l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eżami ta' dawn ir-rikorsi għandu jibda mill-ewwel u t-tieni motivi ta' annullament ta' M6, meħudin flimkien, u mill-ewwel motiv ta' annullament ta' TF1.

Fuq l-ewwel u t-tieni motivi ta' annullament ta' M6, meħudin flimkien, u fuq l-ewwel motiv ta' annullament ta' TF1, li jallegaw, essenzjalment, ksur tal-obbligu li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-preżenza ta' diffikultajiet gravi

L-argumenti tal-partijiet

33 Ir-rikorrenti, sostnuti minn Canal +, jenfasizzaw li d-deċiżjoni kkontestata fiha ċertu għadd ta' ineżattezzi u impreċiżjonijiet, li juru li l-Kummissjoni ma nfurmatx ruħha biżżejjed u ma eżaminatx biżżejjed iċ-ċirkustanzi konkreti, kemm ekonomiċi kif ukoll ġuridiċi, li kkawżaw it-telf tad-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma poġġietx ruħha f'pożizzjoni fejn setgħet tikkonstata l-eżistenza ta' diffikultajiet gravi li jirrikjedu l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

34 Dawk l-ineżattezzi u l-impreċiżjonijiet jinkludu, fl-ewwel lok, l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li "id-dikjarazzjoni tat-8 ta' Jannar 2008 u l-konferma tat-tneħħija eventwali tar-riklami kellhom impatt immedjat fuq il-finanzi ta' France Télévisions" (punt 9 tad-deċiżjoni kkontestata), filwaqt li kienu l-kundizzjonijiet ġenerali ġodda ta' bejgħ ta' France Télévisions — li l-adozzjoni tagħhom tikkostitwixxi żball strateġiku minn din l-entità tax-xandir — li kkawżaw it-telf fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions. TF1 issemmi wkoll bħala kawża oħra tat-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions, il-kundizzjonijiet tas-suq tal-bejgħ ta' spazji għar-riklami fi Franza li kienu jeżistu qabel id-dikjarazzjoni presidenzjali tat-8 ta' Jannar 2008 u li l-Kummissjoni kienet taf bihom.

35 Fid-dawl ta' dawn l-evalwazzjonijiet żbaljati tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kawża tat-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni fejn setgħet tikkonstata li dan it-tnaqqis kien fir-realtà kkawżat minn żball ta' ġestjoni marbut mal-bidla tal-politika kummerċjali ta' France Télévisions, konstatazzjoni li setgħet twassalha sabiex tikkonkludi li l-għoti inkwistjoni kien, fil-verità, forma moħbija ta' għajnuna għall-funzjonament bil-għan li France Télévisions tinħeles mill-ispejjeż li normalment kien ikollha tagħmel tajjeb għalihom fil-kuntest tal-ġestjoni attwali tagħha jew tal-attivitajiet normali tagħha, u li tista' tiġi awtorizzata biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

36 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ma setgħetx tafferma raġonevolment, mingħajr ma tagħmel analiżi preċiża tal-prodotti u l-ispejjeż inkwistjoni, li d-deficit tad-dħul mir-riklamar iżid "awtomatikament" l-ispiża netta tas-servizz pubbliku (deċiżjoni kkontestata, punt 46). Hija invokata, f'dan ir-rigward, l-aħħar sentenza tal-punt 49 tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir.

37 Fit-tielet lok, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, fil-punt 4 tad-deċiżjoni kkontestata, li "billi jtejjeb il-qagħda finanzjarja tal-grupp, l-għoti b'hekk għandu jippermetti li jsiru l-investimenti neċessarji għat-twettiq tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku tiegħu, li t-twettiq tajjeb tagħhom sar prekarju skont l-awtoritajiet Franċiżi" ma hijiex kredibbli, peress li huwa dubjuż li s-sempliċi telf, għall-ewwel semestru tal-2008, ta' 37 % mit-28 % tar-riżorsi ta' France Télévisions li jidħlu mir-riklamar jista' jaffettwa l-qagħda finanzjarja ta' din l-impriża sal-punt li t-twettiq tajjeb tas-servizz pubbliku fl-2008 jsir prekarju.

38 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni (punt 9 tad-deċiżjoni kkontestata) iddikjarat li l-kompetituri ta' France Télévisions "adattaw b'mod progressiv l-offerta kummerċjali tagħhom sabiex jirbħu min irid jirriklama billi pproponew spazji ta' riklamar u tariffi vantaġġużi għall-2009 bil-kundizzjoni li parti mill-volum ta' negozju li kellha France Télévisions jingħata lilhom mill-2008", filwaqt li r-rikorrenti, min-naħa tagħhom, ma

mmodifikaw bl-ebda mod l-offerti kummerċjali tagħhom fil-kundizzjonijiet hekk deskritti.

39 Fil-ħames lok, il-Kummissjoni ma tatx lilha nfisha l-mezzi sabiex tkun taf id-destinazzjoni finali tal-għoti nnotifikat. B'hekk, hija stess tasserixxi li tinjora dan l-użu finali, peress li tindika li "ir-riżorsi l-ġodda għad-dispożizzjoni ta' [France Télévisions] għandhom normalment itejbu l-qagħda finanzjarja tal-grupp mingħajr ma jiġu allokati formalment". Madankollu, tali aġir ma jikkorrispondix mal-eżerċizzju normali tal-poteri ta' kontroll tal-Kummissjoni. Hija ma kellhiex toqgħod fuq l-affermazzjonijiet tal-Gvern Franċiż u kellha tivverifika jekk l-għajnuna mogħtija tissodisfax sew ir-rekwiżiti tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Jikkostitwixxu għajnuniet għall-funzjonament l-għajnuniet favur kampanji ta' riklamar u studji tas-suq, intiżi għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-impriża.

40 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma kellhiex l-informazzjoni kollha utli għal eżami korrett tal-għoti nnotifikat u naqset milli tiżgura l-affidabbiltà tal-informazzjoni kkomunikata li tikkonċerna l-kawżi tat-telf mir-riklamar ta' France Télévisions, li wasslitha biex tinjora l-eżistenza ta' diffikultajiet gravi ta' evalwazzjoni li kellhom iwasslu għall-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

41 Fl-aħħar nett, il-fatt li l-evalwazzjoni tal-għajnuna u tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni damet biss tliet ġimgħat, tul ta' żmien ferm qasir, u li l-Kummissjoni kellha kuntatt biss mal-awtoritajiet Franċiżi, jagħti lok għal tħassib li l-Kummissjoni ppruvat tapprofitta ruħha mill-karattru ftit li xejn trasparenti tal-proċedura preliminari sabiex twarrab malajr jew tinjora d-diffikultajiet importanti li kellhom jiġġustifikaw il-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Billi naqset milli tikkonsulta lill-partijiet interessati, il-Kummissjoni ma osservatx il-prinċipju ta' kontradittorju.

42 Dwar l-argument tal-Kummissjoni li d-daqs tat-tnaqqis fid-dħul u taż-żieda fl-ispejjeż ta' programmazzjoni stmat fid-deċiżjoni kkontestata ma ġiex ikkontestat, TF1 tirrispondi li tali kontestazzjoni kienet tkun inammissibbli, minħabba li, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna nnotifikata mas-suq komuni, dan kien imur lil hinn mill-kuntest tar-rikors tagħha, li huwa limitat għall-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali tagħha. Dan ir-rikors ma huwiex intiż, fl-ewwel lok, li jikkontesta l-evalwazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, iżda biex juri li l-elementi li fuqhom kienu bbażati dawk l-evalwazzjonijiet huma inkorretti u ġew aċċettati mingħajr ma ġew ikkwalifikati jew ivvalutati, b'hekk illi l-eżami mwettaq mill-Kummissjoni huwa insuffiċjenti u inkomplet.

43 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika Franċiża u minn France Télévisions, tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

44 F'dak li jikkonċerna, fl-ewwel lok, l-argument tar-rikorrenti li d-deċiżjoni kkontestata tibbaża fuq ineżattezzi materjali u informazzjoni insuffiċjenti, il-Kummissjoni tirrileva li tali argument huwa ammissibbli biss jekk, fil-fatt, id-deċiżjoni kkontestata jkun fiha tali ineżattezzi jew kienet tibbaża fuq tali informazzjoni insuffiċjenti, jekk il-Kummissjoni me setgħetx tinjora dawk l-ineżattezzi jew insuffiċjenzi u, fl-aħħar nett, jekk dawn kienu determinanti fl-evalwazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà tal-għajnuna.

45 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ineżattezza materjali allegata tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-kawża tat-telf tad-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions, ma hijiex il-kawża jew il-kawżi ta' dan it-telf, iżda d-daqs tagħhom kif ukoll iż-żieda fl-ispejjeż anċillari ta' programmazzjoni, li huma determinanti biex jispjegaw id-deċiżjoni kkontestata.

46 Madankollu, skont il-Kummissjoni, la d-daqs tat-telf mid-dħul mir-riklamar u lanqas iż-żieda fl-ispejjeż anċillari ta' programmazzjoni mġarrba minn France Télévisions għall-2008 ma huma kkontestati mir-rikorrenti u ma huwiex allegat li hija kien imissha kellha dubji dwar dawn il-punti.

47 L-elementi li fuqhom ir-rikorrenti kkonċentraw il-kritiki tagħhom huma, fil-verità, aċċessorji fir-raġunament tal-Kummissjoni, li essenzjalment jibbaża, fil-punt 45 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq il-konklużjoni intermedjarja tal-punt 10 ta' dan id-deċiżjoni, li bl-ebda mod ma huwa kkontestat mir-rikorrenti. Dawn l-elementi huma, barra minn hekk, suġġetti għal qari iżolat mir-rikorrenti, filwaqt li huma kkwalifikati minn partijiet oħrajn tad-deċiżjoni kkontestata.

48 B'hekk, il-Kummissjoni ma affermatx li d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Jannar 2008 waħidha tispjega t-tnaqqis kollu tad-dħul mir-riklamar, u lanqas ma eskludiet li dan it-tnaqqis jista' jkollu kawżi oħrajn. Barra minn hekk, ma jistax jiġi nnegat li din id-dikjarazzjoni setgħet tikkonvinċi lil min irid jirriklama biex jirrikorri għand fornituri oħrajn sabiex ixandru r-riklami tiegħu. Il-Kummissjoni tgħid ukoll, fuq bażi kompletament sussidjarja, li l-argumenti tar-rikorrenti ma jurux li t-telf ta' dħul mir-riklamar kien essenzjalment dovut għal kawżi indipendenti minn dik id-dikjarazzjoni.

49 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tenfasizza li, kif jindikaw ir-referenzi li saru fid-deċiżjoni kkontestata għad-deċiżjonijiet tal-10 ta' Diċembru 2003 u tal-20 ta' April 2005, hija bl-ebda mod, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi TF1, ma naqset milli tevalwa l-informazzjoni mibgħuta lilha fil-kuntest tagħha.

50 L-argument tar-rikorrenti li informazzjoni kompluta dwar il-kawżi tat-telf mir-riklamar hija neċessarja minħabba l-għoti ta' għajnuna għall-funzjonament sabiex tkopri l-iżbalji fil-ġestjoni tal-attività tar-riklami ta' France Télévisions, kif ukoll li tali

żbalji kellhom jiġu ppenalizzati billi ma jiġux ipprovduti mezzi pubbliċi alternattivi għad-dħul mir-riklamar li madankollu huwa neċessarju għas-servizz pubbliku, huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tad-deċiżjoni kkontestata u tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir. Il-Kummissjoni tindika li, fil-fatt, l-Artikolu 86(2) KE jippermetti li jingħata kumpens għall-ispiża ta' funzjonament tas-servizz pubbliku u li l-komunikazzjoni dwar ix-xandir tipprevedi li għandha tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-finanzjament pubbliku ma' dawk l-ispejjeż, waqt li jiġi evitat kumpens żejjed, kif għamlet f'din il-kawża. Il-komunikazzjoni dwar ix-xandir ma tirriżervax l-għajnuniet mill-Istat biss għall-impriżi ġestiti tajjeb. Anki meta l-ħtieġa ta' finanzjament tas-servizz pubbliku tkun il-konsegwenza ta' żbalji fil-ġestjoni, dik il-ħtieġa ta' finanzjament tista' tikkawża l-għoti ta' għajnuna mill-Istat, sakemm ma jkunx hemm kumpens żejjed għall-ispiża netta tas-servizz pubbliku u l-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha stabbiliti mill-komunikazzjoni dwar ix-xandir ikunu osservati. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma kellhiex raġuni biex tikkunsidra li l-informazzjoni li kellha għad-dispożizzjoni tagħha kienet insuffiċjenti sabiex tevalwa l-kompatibbiltà tal-għajnuna.

51 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument li hija ma setgħetx raġonevolment tiddikjara, mingħajr ma tidħol f'analiżi preċiża tal-prodotti u l-ħlasijiet f'din il-kawża, li d-defiċit tad-dħul mir-riklamar iżid "awtomatikament" u proporzjonalment l-ispiża netta tas-servizz pubbliku (deċiżjoni kkontestata, punt 46), il-Kummissjoni tindika li l-bidla fil-profitt nett mill-attivitajiet kummerċjali ta' France Télévisions, fuq medda ta' żmien qasir, tiddependi direttament mill-bidla fid-dħul mir-riklamar tagħha, u ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-ispejjeż tal-attivitajiet kummerċjali tagħha eżaminati fid-deċiżjoni kkontestata setgħu jvarjaw b'mod sinjifikattiv fil-bidu tal-2008. Għalhekk, kien minnu li t-tnaqqis fid-dħul kummerċjali kien ta' natura li jnaqqas b'daqstant il-profitt nett tal-attivitajiet kummerċjali u jżid "awtomatikament" l-ispiża netta tal-attivitajiet ta' servizz pubbliku. Il-Kummissjoni għalhekk ġustament identifikat, fil-kuntest ta' evalwazzjoni prospettiva, dawn l-ispejjeż u ħlasijiet, mingħajr preġudizzju għal evalwazzjoni *a posteriori*, hekk kif jixhed il-punt 49 tad-deċiżjoni kkontestata.

52 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-allegata dikarazzjoni skorretta li l-għoti kien neċessarju sabiex jippermetti lil France Télévisions tagħmel l-investimenti neċessarji għat-twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku tagħha, li t-twettiq tajjeb tagħha kien sar prekarju skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni tosserva li mhux ikkontestat la li t-telf stmat tad-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions fl-2008 kien jammonta għal 5 % tal-fatturat tagħha, u lanqas li France Télévisions kellha ssostni spejjeż ta' programmazzjoni ikbar minħabba t-tneħħija tar-riklami.

53 Madankollu, dan it-tnaqqis fid-dħul u dawn l-ispejjeż ta' programmazzjoni ġodda kkontribwew "awtomatikament" għal żieda tal-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku ta' ammont ogħla minn EUR 300 miljun, jiġifieri ħafna ogħla mill-ammont tal-għoti nnotifikat, jekk tkompli t-tendenza osservata fl-ewwel sitt xhur tas-sena.

54 Tali sitwazzjoni kienet manifestament problematika, peress li meta jitqiesu l-impenji tar-Repubblika Franċiża li tevita li l-għoti ta' riżorsi pubbliċi ma jikkawża ebda kumpens żejjed tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku, kollox kien jindika li France Télévisions ma kinitx ser tkun f'pożizzjoni, kieku kellha tuża biss il-mezzi allokati lilha mill-Istat u fin-nuqqas tal-għoti nnotifikat, li tiffaċċja din iż-żieda fl-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku. F'dawn iċ-ċirkustanzi, TF1 ma tistax tallega, mingħajr ebda bażi, li tali sitwazzjoni ma kinitx ta' natura li taffettwa s-sitwazzjoni finanzjarja ta' France Télévisions sal-punt li t-twettiq tajjeb tal-missjoni ta' servizz pubbliku isir prekarju mill-2008.

55 Fir-raba' lok, fir-rigward tad-dikjarazzjoni allegatament skorretta, li l-kompetituri ta' France Télévisions għandhom jadattaw b'mod progressiv l-offerta kummerċjali tagħhom sabiex jirbħu lil min irid jirriklama billi joffrulu kundizzjonijiet vantaġġużi għall-2009 bil-kundizzjoni li parti mill-volum tal-kummerċ ta' France Télévisions jingħatalhom mill-2008, il-Kummissjoni tindika li hija ġiet informata b'dan l-aġir

mill-kunsilli ta' kumpannija kompetitriċi matul laqgħa li saret qabel in-notifika tal-proġett ta' għajnuna inkwistjoni, fid-29 ta' Mejju 2008.

56 Dan l-aġir, li jirriżulta mis-"sens komun" u li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni xorta waħda baqgħet prudenti, fi kwalunkwe każ jikkostitwixxi biss element ta' motivazzjoni aċċessorju u superfluwu. B'hekk, l-osservazzjonijiet dwar id-daqs tat-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar huma validi, anki fl-ipoteżi fejn ma jkunx kompletament stabbilit li l-offerti tal-kompetituri ta' France Télévisions kienu adattati b'tali mod biex jirbħu l-ishma mis-suq ta' dan tal-aħħar. Il-Kummissjoni targumenta li għalhekk ma kienx neċessarju li din l-informazzjoni tiġi sottomessa għall-prinċipju ta' kontradittorju u li l-argument ta' M6 dwar dan il-punt, minħabba li ma jirrigwardax element essenzjali tar-raġunament tagħha, ma jistax jikkawża l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

57 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-argument dwar l-insuffiċjenza tal-informazzjoni rigward id-destinazzjoni tal-għoti nnotifikat, insuffiċjenza li allegatament twassal għar-riskju li tiġi awtorizzata għajnuna għall-funzjonament ta' attivitajiet li ma jaqgħux taħt is-servizz pubbliku, il-Kummissjoni tenfasizza li l-ammont ta' dan l-għoti (EUR 150 miljun) mhux biss kien ħafna inqas mit-telf stmat ta' dħul mir-riklamar u ż-żieda tal-ispejjeż ta' programmazzjoni għall-2008 (EUR 300 miljun), iżda saħanistra li r-Repubblika Franċiża kienet adottat, b'konformità mal-impenji tagħha, dispożizzjonijiet sabiex tevita li l-għoti ta' riżorsi pubbliċi ma jwassal għal ebda kumpens żejjed tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku. Fl-aħħar nett, l-għajnuna eżaminata ma kinitx għajnuna favur kampanji ta' riklamar u ta' studji tas-suq, iżda għajnuna intiża biex tikkumpensa għall-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku.

58 Sussegwentement, fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq it-tul taż-żmien u ċ-ċirkustanzi tal-proċedura ta' investigazzjoni preliminari, il-Kummissjoni tosserva li ż-żmien qasir ta' tali proċedura ma jikkostitwixxix, fih innifsu, indikazzjoni tal-eżistenza ta' diffikultajiet gravi, iżda pjuttost sinjal tal-progress normali ta' din

il-proċedura, li hija naturalment qasira. L-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 659/1999 bl-ebda mod ma jipprojbixxi li tittieħed deċiżjoni f'inqas minn xahrejn.

59 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrileva li ġiet informata bil-miżuri previsti ħafna qabel in-notifika tagħhom fil-11 ta' Ġunju 2008, minħabba li l-istampa kienet ikkummentat dwar il-proġetti tal-Gvern Franċiż matul l-ewwel semestru tal-2008 u li ġew stabbiliti kuntatti informali bejn l-awtoritajiet Franċiżi u l-Kummissjoni matul ix-xahar ta' Mejju 2008. Hija kienet b'hekk taf sew il-kuntest tal-finanzjament ta' France Télévisions, fid-dawl tad-deċiżjonijiet preċedenti tagħha dwar il-finanzjament ta' din l-entità tax-xandir pubbliku. L-eżami tal-miżura prattikament dam iktar minn seba' ġimgħat, u ħamsa minnhom wara n-notifika, li ma huwiex barra min-norma. Fl-aħħar nett, il-miżura prevista kienet pjuttost faċli u l-analiżi tagħha ma tistax tiġi deskritta bħala kumplessa.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

60 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE hija ta' natura indispensabbli meta l-Kummissjoni ssib diffikultajiet gravi sabiex tevalwa jekk għajnuna hijiex kompatibbli mas-suq komuni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha għall-fażi tal-investigazzjoni preliminari skont l-Artikolu 88(3) KE sabiex tieħu deċiżjoni favorevoli għal għajnuna biss jekk hija tkun konvinta, fi tmiem l-investigazzjoni preliminari, li din l-għajnuna hija kompatibbli mat-Trattat. Min-naħa l-oħra, jekk din l-investigazzjoni preliminari twassal lill-Kummissjoni għal konvinzjoni opposta, jew ma jippermettilhiex issolvi d-diffikultajiet kollha mqajma mill-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq komuni, il-Kummissjoni għandha l-obbligu tiġbor l-opinjonijiet kollha neċessarji u tibda, f'dan ir-rigward, il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Marzu 1984, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, 84/82, Ġabra p. 1451,

punt 13; tad-19 ta' Mejju 1993, Cook vs Il-Kummissjoni, C-198/91, Ġabra p. I-2487, punt 29; tal-15 ta' Ġunju 1993, Matra vs Il-Kummissjoni, C-225/91, Ġabra p. I-3203, punt 33, u tat-2 ta' April 2009, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni, C-431/07 P, Ġabra p. I-2665, punt 61; ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 1995, SIDE vs Il-Kummissjoni, T-49/93, Ġabra p. II-2501, punt 58).

61 Il-kunċett ta' diffikultajiet gravi huwa ta' natura oġġettiva. L-eżistenza ta' diffikultajiet bħal dawn għandha tiġi mfittxa kemm fiċ-ċirkustanzi li wasslu għall-adozzjoni tal-att ikkontestat, kif ukoll fil-kontenut tiegħu, b'mod oġġettiv, billi r-raġunijiet għad-deċiżjoni jiġu pparagunati mal-elementi li l-Kummissjoni kellha meta hija ddeċidiet dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna kkontestata mas-suq komuni (sentenza Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 60 iktar 'il fuq, punt 63, u sentenza SIDE vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 60 iktar 'il fuq, punt 60). Konsegwentement, jirriżulta li l-istħarriġ tal-legalità mwettaq mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-eżistenza ta' diffikultajiet gravi, imur, min-natura tiegħu stess, lil hinn mill-verifika ta' jekk kienx hemm żball manifest ta' evalwazzjoni (sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2001, Prayon-Rupel vs Il-Kummissjoni, T-73/98, Ġabra p. II-867, punt 47; ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Cook vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 60 iktar 'il fuq, punti 31 sa 38, u Matra vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 60 iktar 'il fuq, punti 34 sa 39; is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali SIDE vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 60 iktar 'il fuq, punti 60 sa 75, u tal-15 ta' Settembru 1998, BP Chemicals vs Il-Kummissjoni, T-11/95, Ġabra p. II-3235, punti 164 sa 200).

62 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, jekk miżura tal-Istat ta' finanzjament ta' servizz pubbliku tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) KE, din il-miżura tista' madankollu tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni jekk hija tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 86(2) KE.

63 Fil-punt 57 tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir, il-Kummissjoni, abbażi tal-kriterji tal-proporzjonalità tal-finanzjament pubbliku għall-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku, indikat li, "sabiex dan il-kriterju jiġi osservat, huwa neċessarju li l-għajnuniet mill-Istat ma jaqbżux l-ispejjeż netti kkawżati mill-missjoni ta' servizz pubbliku, fid-dawl tad-dħul dirett jew indirett l-ieħor li jirriżulta minn din tal-aħħar". Il-Kummissjoni qalet ukoll li "għalhekk il-profitti netti li l-attivitajiet kummerċjali jiksbu mis-servizz pubbliku jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-għajnuna" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

64 F'din il-kawża, il-Kummissjoni kkonstatat li l-għoti ta' EUR 150 miljun nnotifikat mir-Repubblika Franċiża "aktarx li ma kienx ser jaqbeż il-varjazzjonijiet ikkawżati fl-ispiża netta tas-servizz pubbliku li jirriżultaw mill-bidliet fid-dħul mir-riklamar għall-2008 u għall-ħtieġa ta' programmazzjoni supplimentari" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (punt 47 tad-deċiżjoni kkontestata).

65 Għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ġustament setgħet tagħmel tali konstatazzjoni u tikkonkludi li ma kinux jeżistu diffikultajiet gravi fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq komuni, abbażi tal-Artikolu 86(2) KE, b'mod illi jkun iġġustifikat il-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) KE.

66 Fil-fatt, għandu jiġi osservat li l-ammont tal-għoti ta' kapital li jikkostitwixxi l-miżura inkwistjoni huwa ħafna inqas minn dak tal-ammont totali stmat tal-ispejjeż netti supplimentari li jirriżultaw miċ-ċifri li jidhru fil-punt 46 tad-deċiżjoni kkontestata u moħbija fil-verżjoni pubblika ta' din id-deċiżjoni.

67 Fl-ewwel lok, madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, fit-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti ma għamlu ebda kontestazzjoni dwar l-ammont stmat ta' dawn l-ispejjeż netti supplimentari u ma fformulaw l-ebda talba biex il-Kummissjoni tipproduċi, għall-iskopijiet ta' tali kontestazzjoni, verżjoni kunfidenzjali tad-deċiżjoni kkontestata.

68 Ir-rikorrenti lanqas ma kkontestaw il-fatt — li jirriżulta madankollu mid-deċiżjoni kkontestata hekk kif ippubblikata — li l-ammont stmat tat-telf mir-riklamar għall-2008 u tal-bżonnijiet ta' programmazzjoni supplimentari kien jaqbeż, mill-inqas, EUR 150 miljun.

69 Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni, li rrilevat speċifikament in-nuqqas ta' kontestazzjoni tar-rikorrenti, indikat li l-ammont stmat ta' varjazzjonijiet fid-dħul mir-riklamar u l-bżonnijiet ta' programmazzjoni, li jirriżutaw miċ-ċifri li jidhru fil-punt 46 tad-deċiżjoni kkontestata u li huma moħbija fil-verżjoni pubblika ta' din id-deċiżjoni, kien jammonta għal iktar minn EUR 300 miljun.

70 Fir-repliki tagħhom, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma kkontestaw dan l-ammont ta' EUR 300 miljun.

71 Għall-kuntrarju, TF1 aċċettat speċifikament dan in-nuqqas ta' kontestazzjoni, billi sostniet li tali kontestazzjoni, peress li tikkontesta l-kompatibbiltà tal-għajnuna, kienet inammissibbli fil-kuntest ta' rikors intiż, bħal f'din il-kawża, biex jipproteġi drittijiet proċedurali (ara l-punt 42 iktar 'il fuq).

72 Madankollu għandu jiġi kkonstatat li, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni TF1, is-suġġett ta' dan ir-rikors bl-ebda mod ma kien iżommha, kieku riedet, milli tikkontesta l-ammont tal-ispejjeż netti supplimentari stmati mill-Kummissjoni għall-2008. Fil-fatt, skont

il-ġurisprudenza, il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma tistax, fil-preżenza ta' diffikultà serja u fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuniet mill-Istat mas-suq komuni, tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni bl-evalwazzjoni tagħha stess, bl-ebda mod ma jmur kontra d-dritt tal-partijiet interessati li jqajmu, insostenn ta' rikors għal annullament bil-għan li jipproteġu d-drittijiet proċedurali tagħhom, argument li jikkontesta l-kompatibbiltà tal-għajnuna, argumenti li għandhom allura jiġu evalwati mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-eżistenza ta' diffikultà serja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Jannar 2004, Thermenhotel Stoiser Franz *et* vs Il-Kummissjoni, T-158/99, Ġabra p. II-1, punt 91; tal-4 ta' Lulju 2007, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni, T-475/04, Ġabra p. II-2097, punt 93; tal-20 ta' Settembru 2007, Fachvereinigung Mineralfaserindustrie vs Il-Kummissjoni, T-375/03, Ġabra p. II-4155, punt 67, u tat-12 ta' Frar 2008, BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/03, Ġabra p. II-81, punt 333).

73 B'hekk, kontra dak li tallega TF1, kien ikun perfettament ammissibbli, kieku riedet, li tikkontesta l-ammont ta' żieda tal-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku stmat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata u speċifikament indikata minn din tal-aħħar fir-risposta.

74 Fir-rigward ta' M6, hija lanqas ma rreaġixxiet, fir-replika, għall-konstatazzjoni li saret mill-Kummissjoni, fir-risposta, rigward in-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tagħha tal-ammont ta' żieda tal-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku stmat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

75 Kien biss matul is-seduta li M6 sostniet li, għalkemm hija ma kkontestatx fir-rikors tagħha l-istima li saret mill-Kummissjoni, dan kien għaliex hija sempliċement ma kinitx taf l-ammonti inkwistjoni, li skopriet biss matul is-seduta. Fi kliem ieħor, peress li d-deċiżjoni kkontestata ġiet ippubblikata mingħajr indikazzjoni ta' dawn

l-ammonti, ma kienx possibbli għal M6 li tqajjem kontestazzjoni, jew li sempliċement tallega li l-Kummissjoni kien imissha kellha dubji gravi dwar dan il-punt.

76 Il-Qorti Ġenerali madankollu tikkunsidra li, indipendentement mill-fatt li dan l-argument, li tqajjem tard, ma huwiex ammissibbli fir-rigward tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli ta' Proċedura, huwa fi kwalunkwe każ infondat.

77 Fil-fatt, xejn ma żamm lil M6, kieku kif hija tallega, kellha l-intenzjoni li tibbaża r-rikors għal annullament fuq kontestazzjoni tal-ammont tal-ispejjeż netti supplimentari stmati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, milli tqajjem din il-kontestazzjoni fir-rikors tagħha flimkien ma' — f'każ li l-Kummissjoni ma tkunx diġà bagħtitilha verżjoni kunfidenzjali tad-deċiżjoni kkontestata — talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew ta' inġunzjoni biex il-Kummissjoni tipproduċi tali verżjoni kunfidenzjali. Barra minn hekk, xejn ma żamm lil M6 milli ssostni, bħala minimu, li t-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar u ż-żieda tal-ispejjeż ta' programmazzjoni kienu inqas mill-ammont ta' EUR 150 miljun tal-għoti nnotifikat, jew li tal-inqas kellu jkun hemm dubji gravi f'dan ir-rigward.

78 Madankollu, M6, bħal TF1, ma qajmitx tali kontestazzjoni fis-sottomissjonijiet tagħha u ma fformulatx tali talba.

79 Għalhekk M6 żbaljat meta, waqt li ġiet iffaċċjata bir-realtà tan-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-istima taż-żieda tal-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku, ipprovat tispjega, matul is-seduta, dan in-nuqqas ta' kontestazzjoni permezz ta' ċirkustanzi li bl-ebda mod ma jiġġustifikawh u li — kieku xtaqet — setgħet tirrimedja perfettament.

80 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li la TF1 u lanqas M6 ma jikkontestaw, fir-rikorsi tagħhom, l-ammont stmat tal-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku supplimentari fl-2008, filwaqt li madankollu ebda ċirkustanza ta' dritt jew ta' fatt ma ċaħħdet lil dawn il-partijiet, kieku xtaqu, mill-possibbiltà li jagħmlu dan.

81 Lil hinn mill-konstatazzjonijiet suffiċjenti preċedenti, il-Qorti Ġenerali jkollha tirrileva li r-rikorrenti kellhom, sa minn qabel ma ressqu r-rikorsi tagħhom, informazzjoni li tikkonvinċiha mid-daqs tat-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions fl-2008. Din iċ-ċirkustanza tista' tkun suffiċjenti sabiex tispjega li r-rikorrenti ma fittxewx li jikkontestaw iż-żieda tal-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku stmata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, iżda kkritikaw elementi oħrajn ta' din id-deċiżjoni.

82 B'hekk, miż-żmien meta seħħew il-fatti, kien magħruf pubblikament li France Télévisions ġarrbet tnaqqis ferm sostanzjali fid-dħul mir-riklamar tagħha fl-2008. L-artikli fl-istampa ppubblikati f'dak iż-żmien u li ġew annessi minn M6 u TF1 mat-talbiet tagħhom irrappurtaw tnaqqis ferm sostanzjali fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions.

83 Sussegwentement, anki lil hinn minn din l-informazzjoni maħruġa mill-istampa, M6 u TF1 kellhom, meta ressqu r-rikorsi tagħhom f'Diċembru 2008, informazzjoni oħra li tenfasizza d-daqs tat-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar.

84 Jirriżulta b'hekk minn rapport maħruġ fl-2008 minn ditta ta' konsulenti, fuq talba ta' assoċjazzjoni ta' stazzjonijiet televiżivi privati — imwaqqfa minn M6, Canal + u TF1 — u li ġie ppreżentat minn TF1 bħala anness mar-rikors tagħha, li, fl-ewwel semestru kollu tal-2008, l-investimenti fir-riklamar ma' France Télévisions kienu naqsu b'37 %.

85 M6 u TF1, kif ukoll Canal +, barra minn hekk jirrappurtaw fin-noti tagħhom din il-perċentwali ta' 37 %, li tidher fir-rapport imsemmi fil-punt preċedenti, ta' tnaqqis fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions fl-ewwel semestru tal-2008.

86 Barra minn hekk, l-istess rapport jindika li l-ammonti tad-dħul mir-riklamar annwali ta' France 2, France 3 u France 5, minbarra x-xandiriet reġjonali, li kien jammonta għal EUR 638 miljun fl-2007, għandu jitnaqqas għall-ammont ta' EUR 510 miljun fl-2008, jiġifieri tnaqqis ta' 20 % f'sena (EUR 128 miljun).

87 Irrispettivament minn dawn il-kunsiderazzjoniet rigward l-informazzjoni li kellhom ir-rikorrenti meta ressqu r-rikorsi tagħhom, xorta jibqa' l-fatt li, kif huwa rrilevat b'mod konklużiv fil-punt 80 iktar 'il fuq, l-ammont taż-żieda fl-ispejjeż ta' servizz pubbliku għall-2008 (EUR 300 miljun) ma hu suġġett, mingħajr ġustifikazzjoni valida, għal ebda kontestazzjoni partikolari min-naħa tar-rikorrenti.

88 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti huma żbaljati meta jsostnu (ara l-punt 36 iktar 'il fuq), fil-kuntest tal-argument tagħhom bl-għan li jistabbilixxu l-insuffiċjenza tal-informazzjoni li kellha l-Kummissjoni u tal-eżami li għalih ipproċediet, li l-Kummissjoni ma setgħetx, mingħajr ma tidħol f'analiżi preċiża tal-prodotti u tal-ħlasijiet f'din il-kawża, tiddikjara, fil-punt 46 tad-deċiżjoni kkontestata, li d-defiċit ta' dħul mir-riklamar żied "awtomatikament" l-ispiża netta tas-servizz pubbliku. Hija invokat, insostenn ta' dan l-ilment, l-aħħar sentenza tal-punt 49 tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir.

89 L-aħħar sentenza tal-punt 49 tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir tgħid li "huwa biss abbażi ta' tqassim adattat tal-prodotti u tal-ħlasijiet li jista' jiġi ddeterminat jekk il-finanzjament pubbliku huwiex limitat verament għall-ispejjeż netti tal-missjoni ta' servizz pubbliku u allura jekk tistax tiġi awtorizzata l-applikazzjoni

tal-Artikolu 86(2) KE" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din il-frażi tenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat, fid-determinazzjoni tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku, li ma jingħaddux bħala spejjeż ta' servizz pubbliku ħlasijiet li ma jirriżultawx mis-servizz imsemmi, waqt li jiġi żgurat li jitnaqqsu mill-ispejjeż grossi tas-servizz pubbliku l-prodotti li jirriżultaw, direttament jew indirettament, minn dak is-servizz.

90 Meta, fil-punt 46 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li "t-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar jammonta għal EUR […] jista' jnaqqas b'ammont ekwivalenti l-profitt nett tal-attivitajiet kummerċjali" [traduzzjoni mhux uffiċjali], hija esprimiet, b'mod konċiż iżda ċar, il-pożizzjoni li t-tnaqqis stmat tad-dħul mir-riklamar fl-2008 ma huwa akkumpanjat minn ebda tnaqqis fil-ħlasijiet kummerċjali relatati ta' tali daqs li jista' jostakola l-istabbiliment ta' relazzjoni ta' proporzjonalità bejn it-tnaqqis fid-dħul imsemmi u t-tnaqqis fil-profitt nett tal-attivitajiet kummerċjali u, b'hekk, bejn it-tnaqqis fid-dħul u ż-żieda tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku.

91 B'hekk il-Kummissjoni, għall-kuntrarju ta' dak li jissuġġerixxi l-ilment tar-rikorrenti permezz tar-referenza għall-punt 49 tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir, ma kkwalifikatx il-ħlasijiet li saru għall-ksib tad-dħul ta' riklamar mill-ispejjeż ta' servizz pubbliku, u lanqas ma kkunsidrat li l-prodotti tal-bejgħ minn France Télévisions tal-ispazji tar-riklamar ma kinux marbutin mas-servizz pubbliku.

92 Barra minn hekk, għalkemm il-Kummissjoni ma pprovdietx, fl-imsemmi punt 46 tad-deċiżjoni kkontestata, indikazzjonijiet dwar l-elementi li wassluha biex tadotta l-pożizzjoni tagħha, xorta waħda jibqa' l-fatt li dawn l-elementi jidhru barra minn hekk fid-deċiżjoni kkontestata u li jirriżulta li l-Kummissjoni kellha bażi biex tikkunsidra li l-ebda tnaqqis sinjifikattiv tal-ħlasijiet kummerċjali fl-2008 ma kien raġonevolment prevedibbli.

93 B'hekk, il-Kummissjoni, wara li rrilevat li "l-grupp [France Télévisions] kiseb riżultat nett pożittiv kull sena bejn l-2003 u l-2007" (punt 8 tad-deċiżjoni kkontestata), ikkonstatat, essenzjalment, tnaqqis qawwi fid-dħul nett li jirriżulta mill-attivitajiet kummerċjali mill-bidu tas-sena 2008. Huwa b'dan il-mod li l-Kummissjoni kkonstatat li t-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar "wassal għal deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja, li saret strutturalment negattiva fl-2008" (punt 10 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija rrilevat li kieku dan it-tnaqqis "kellu jkompli għas-sena 2008 kollha, France Télévisions, segwita mill-awtoritajiet Franċiżi, tistma li ser iwassal […] għal riżultat negattiv nett […] fl-2008" (punt 10 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonstatat li l-għoti nnotifikat li għandu jkopri tnaqqis fid-dħul mir-riklamar huwa "f'daqqa u imprevist, kif juri l-baġit proġettat ta' France Télévisions għall-2008, li ġie stabbilit fuq ipoteżijiet li lanqas ma jieħdu inkunsiderazzjoni tali tnaqqis" (punt 21 tad-deċiżjoni kkonestata) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

94 Essenzjalment jirriżulta minn dawn il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, li saru f'Lulju 2008 abbażi tal-informazzjoni disponibbli sa dik id-data, li t-tnaqqis fid-dħul imġarrab minn France Télévisions sa mill-bidu tas-sena ma kien akkumpanjat minn ebda tnaqqis sinjifikattiv tal-ħlasijiet kummerċjali marbutin mal-attività tar-riklamar ta' France Télévisions u li ma kienx serjament prevedibbli li seta' jsir iffrankar sinjifikattiv fuq l-ispejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni tal-ispazji tar-riklamar matul it-tieni semestru tal-2008.

95 Fi kliem ieħor, jirriżulta b'mod suffiċjenti mill-elementi fid-deċiżjoni kkontestata li l-Kummissjoni kellha bażi biex tikkunsidra li, fir-rigward tas-sena 2008, li hija l-unika sena li tirrigwarda l-għoti nnotifikat, ebda ffrankar sinjifikattiv fuq il-ħlasijiet kummerċjali ma seta' jiġi raġonevolement previst li jostakola konklużjoni ta' relazzjoni ta' proporzjonalità bejn it-tnaqqis fid-dħul kummerċjali u t-tnaqqis fil-profitt nett.

96 Għalhekk, l-argument li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tiddikjara, kif għamlet fid-deċiżjoni kkontestata, li d-defiċit fid-dħul mir-riklamar għall-2008 iżid "awtomatikament" l-ispiża netta tas-servizz pubbliku huwa infondat.

97 Il-Qorti Ġenerali tirrileva, barra minn hekk, li la M6 u lanqas TF1 jew Canal +, impriżi madankollu familjari — bħala xandara kummerċjali — mal-mekkaniżmi u s-sistemi ta' kummerċjalizzazzjoni tal-ispazji tar-riklamar televiżiv, ma jsostnu li tnaqqis sinjifikattiv fil-ħlasijiet kummerċjali ta' France Télévisions fl-2008, li jmur kontra l-istabbiliment ta' tali relazzjoni ta' proporzjonalità bejn it-tnaqqis fid-dħul kummerċjali u t-tnaqqis tal-profitt kummerċjali nett, seta' kien prevedibbli b'mod konkret.

98 Fl-aħħar nett, mhux talli l-ammont ta' żieda tal-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku għall-2008 (EUR 300 miljun) stmat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata ma hu suġġett għal ebda kontestazzjoni (ara l-punti 67 sa 87 iktar 'il fuq), iżda dan l-ammont lanqas ma ġie serjament ikkontestat fil-kuntest tal-eżami tal-ilmenti tar-rikorrenti, fir-rigward tar-relazzjoni ta' proporzjonalità adottata tal-Kummissjoni bejn it-tnaqqis fid-dħul kummerċjali ta' France Télévisions u t-tnaqqis tal-profitt kummerċjali nett (ara l-punti 88 sa 97 iktar 'il fuq).

99 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, rigward in-nuqqas ta' kontestazzjoni jew dubju dwar l-ammont stmat ta' EUR 300 miljun ta' żieda fl-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni, fir-rigward tal-ammont tal-għoti nnotifikat (EUR 150 miljun), ma seta' kellha l-ebda dubju fir-rigward tal-osservanza tal-kriterju tal-proporzjonalità.

100 Din il-konklużjoni ma titpoġġiex f'dubju mill-argumenti l-oħrajn imressqa mir-rikorrenti.

101 Rigward id-dikjarazzjoni ta' TF1 (ara l-punt 37 iktar 'il fuq) li jista' jiġi kkontestat li l-uniku telf, għall-ewwel semestru tal-2008, ta' 37 % mit-28 % tar-riżorsi ta' France Télévisions li joriġinaw mir-riklami jista' jaffettwa s-sitwazzjoni finanzjarja ta' din l-impriża sal-punt li t-twettiq tajjeb tas-servizz pubbliku fl-2008 jsir prekarju, din id-dikjarazzjoni, minbarra li mhux sostnuta, tinjora ċ-ċirkustanza, imfakkra fil-punt 99 iktar 'il fuq, rigward id-differenza bejn, minn naħa, l-ammont stmat u mhux ikkontestat ta' żieda fl-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku għall-2008 u, min-naħa l-oħra, l-ammont tal-għoti nnotifikat.

102 Rigward l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti (ara l-punti 34 u 38 iktar 'il fuq) li d-deċiżjoni kkontestata kienet tinkludi ineżattezzi, fl-ewwel lok, dwar li t-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar fl-ewwel semestru tal-2008 la ġie kkawżat mid-dikjarazzjoni tat-8 ta' Jannar 2008, la mill-kundizzjonijiet tas-suq tar-riklamar u lanqas minn strateġija kummerċjali żbaljata ta' France Télévisions u, fit-tieni lok, dwar li ma hemmx provi li l-kompetituri ta' France Télévisions adattaw il-politiki kummerċjali tagħhom fit-termini deskritti mill-Kummissjoni, dawn l-allegazzjonijiet, jekk nassumu li huma stabbiliti, ma jnaqqsu xejn mir-realtà tat-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar fl-ewwel semestru tal-2008, bil-perspettiva raġonevolment prevedibbli li din it-tendenza tkompli matul it-tieni semestru tal-2008 u bl-eżistenza ta' bżonnijiet ta' programmazzjoni supplimentari. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet bl-ebda mod ma jikkontestaw iż-żieda fl-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku fl-2008 stmati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata u barra minn hekk mhux ikkontestata mir-rikorrenti.

103 Rigward l-argument tar-rikorrenti (ara l-punt 35 iktar 'il fuq) li l-Kummissjoni, minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent li t-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar kien essenzjalment irriżulta minn allegat żball ta' France Télévisions fid-definizzjoni tal-politika kummerċjali tagħha fl-2008, ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonstata l-eżistenza

ta' diffikultà serja minħabba l-fatt li l-għoti finanzjarju fir-realtà kien forma moħbija ta' għajnuna għall-funzjonament bl-għan li France Télévisions tiġi lliberata mill-ħlasijiet li kien normalment ikollha ssostni fil-kuntest tal-amministrazzjoni attwali tagħha jew tal-attivitajiet normali tagħha, għajnuna li tkun tista' tiġi biss awtorizzata f'ċirkustanzi eċċezzjonali, għandu jiġi miċħud.

104 Fil-fatt, l-attività ta' France Télévisions ta' bejgħ tal-ispazji tar-riklamar tikkostitwixxi attività kummerċjali li, jekk tikkonforma mal-programmazzjoni ta' servizz pubbliku mxandra minn France Télévisions fil-kuntest tal-mandat tagħha ta' servizz pubbliku, madankollu, bl-ebda mod ma tikkostitwixxi attività ta' servizz pubbliku. Il-komunikazzjoni dwar ix-xandir tirrileva, f'dan ir-rigward li, "għalkemm il-korpi pubbliċi tax-xandir jistgħu jeżerċitaw attivitajiet kummerċjali bħall-bejgħ ta' spazju għar-riklamar sabiex jinkiseb dħul, tali attivitajiet normalment ma jistgħux jitqiesu li jagħmlu parti integrali mis-servizz pubbliku" (punt 36, l-aħħar sentenza, tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

105 L-eżerċizzju ta' din l-attività kummerċjali mill-entità tax-xandir pubbliku jirriżulta minn għażla tal-Istat Membru kkonċernat, imwettaq skont il-kompetenza rikonoxxuta tiegħu għal dan il-għan mill-Protokoll ta' Amsterdam, li jirrikorri għall-bejgħ ta' spazji tar-riklamar fuq l-istazzjonijiet televiżivi pubbliċi għall-iskopijiet li jitnaqqas il-ħlas, għall-Istat, tal-finanzjament tas-servizz pubbliku tax-xandir.

106 Madankollu, l-għoti finanzjarju nnotifikat mir-Repubblika Franċiża u approvat mill-Kummissjoni bl-ebda mod ma huwa intiż għall-finanzjament ta' din l-attività kummerċjali ta' bejgħ ta' spazji tar-riklamar. B'hekk, u għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi M6, din l-għajnuna ma hijiex għajnuna għall-funzjonament ta' din l-attività. Hija ma għandhiex bħala għan li tiffinanzja kampanji ta' riklamar indirizzati lejn dawk li potenzjalment iridu jirriklamaw, studji tas-suq li jikkonċernaw il-politika kummerċjali ta' France Télévisions jew kull spiża oħra li tirriżulta mill-attività kummerċjali ta' France Télévisions.

107 Din l-għajnuna hija, għall-kuntrarju, espliċitament u esklużivament intiża biex tkopri spejjeż tas-servizz pubbliku tax-xandir imġarrba minn din l-entità tax-xandir pubbliku. Dawn l-ispejjeż, minn ammont stmat mill-Kummissjoni — u mhux ikkontestat — ta' EUR 300 miljun, huma, fl-ewwel lok, il-parti mill-ispejjeż ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions fl-2008 li ma hijiex iffinanzjata minħabba t-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar għal dik is-sena u, fit-tieni lok, l-ispejjeż ta' programmazzjoni supplimentari kkawżati fl-2008 minħabba t-tneħħija sussegwenti tar-riklami televiżivi fuq France Télévisions.

108 Iċ-ċirkustanza li parti mill-ispejjeż li jibqgħu r-responsabbiltà tal-Istat fl-2008 tirriżulta minn dħul mir-riklamar inqas elevat ma tnaqqas xejn mill-fatt li huma bla dubju spejjeż ta' servizz pubbliku, imġarrba għall-bżonnijiet ta' dan is-servizz. Fid-dawl tan-natura ta' dawn l-ispejjeż, jekk l-Istat Membru kkonċernat jiġi ostakolat milli jiżgura l-finanzjament, ikun qed jiġi mċaħħad mill-kompetenza rikonoxxuta fl-Artikolu 16 KE u l-Protokoll ta' Amsterdam lill-Istati Membri fid-definizzjoni u l-finanzjament tas-servizz pubbliku tax-xandir.

109 Konsegwentement, il-pożizzjoni tar-rikorrenti, li tasserixxi li n-nuqqas ta' effiċjenza ekonomika allegata tax-xandar ta' servizz pubbliku fl-eżerċizzju ta' attività kummerċjali ta' bejgħ ta' spazji tar-riklamar hija ssanzjonata minn kopertura insuffiċjenti — u allura inkompatibbli mat-"twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku kif mogħtija, definita u organizzata minn kull Stat Membru" (ara l-Protokoll ta' Amsterdam) — tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku, hija direttament kuntrarja għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u, b'mod iktar partikolari, tal-Protokoll ta' Amsterdam.

110 Għandu jiġi rrilevat li s-sitwazzjoni kienet tkun kompletament differenti kieku r-rikorrenti kienu ressqu prova li jeżistu dubji gravi fir-rigward tad-destinazzjoni effettiva tal-għoti nnotifikat u, b'mod partikolari, li kieku kien hemm tħassib li ser ikun hemm devjazzjoni mill-għan ta' dan l-għoti sabiex tiġi ssussidjata l-attività kummerċjali ta' France Télévisions.

111 Fil-fatt, f'tali każ ipotetiku u hekk kif huwa rrilevat fil-komunikazzjoni dwar ix-xandir, kien ikun hemm riskju biss "fil-preżenza ta' kumpens li jmur lil hinn minn dak li kien strettament neċessarju għat-twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku u ta' prattika 'li taffettwa l-kummerċ u l-kompetizzjoni f'miżura kuntrarja għall-interess komuni' u allura li jikser il-Protokoll ta' Amsterdam" (punt 58, *in fine*, tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

112 B'hekk ma kienx ikun possibbli għall-Kummissjoni li tieħu, bħal f'din il-kawża, deċiżjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet abbażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 659/1999. Il-Kummissjoni kien ikollha tibda il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

113 Madankollu, ma huwiex stabbilit li l-Kummissjoni kellu jkollha tali dubji. Sa l-iktar, huwa enfasizzat li hija ma użatx il-mezzi kollha disponibbli sabiex tkun taf id-destinazzjoni finali tal-għoti nnotifikat (ara l-punt 39 iktar 'il fuq), li huwa rifless, allegatament, fl-indikazzjoni tagħha li l-għoti nnotifikat "[itejjeb] il-qagħda finanzjarja tal-grupp mingħajr ma [tiġi allokata] formalment" (punt 11 tad-deċiżjoni kkontestata). [traduzzjoni mhux uffiċjali]

114 Għandu madankollu jiġi rrilevat li mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod ċar li, huma x'inhuma l-modalitajiet konkreti tal-allokazzjoni tal-għoti nnotifikat fil-kontijiet ta' France Télévisions, dan l-għoti, imwettaq fil-forma ta' żieda fil-kapital ta' France Télévisions, ġie nnotifikat mir-Repubblika Franċiża u kellu jintuża minn din l-entità tax-xandir pubbliku biss għall-iskopijiet esklużivi tas-servizz pubbliku.

115 Il-Kummissjoni b'hekk fakkret speċifikament l-eżistenza tal-impenji mogħtija mir-Repubblika Franċiża fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-20 ta' April 2005 u li ssarrfu fit-testi leġiżlattivi u regolamenti Franċiżi sabiex jiġi evitat kull kumpens żejjed tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku (punt 48 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni ħadet nota tal-konferma tal-awtoritajiet Franċiżi li dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw f'din il-kawża u li ntrabtu li japplikawhom għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-għoti finanzjarju għal spejjeż li jirriżultaw mill-obbligu ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions (punt 49 tad-deċiżjoni kkontestata).

116 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ddeċidiet speċifikament li r-Repubblika Franċiża għandha tirrappurtalha dwar l-allokazzjoni effettiva tal-għoti nnotifikat għall-finanzjament tal-obbligi ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions fit-tliet xhur ta' wara l-għeluq tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2008 (punt 49 u l-ispjegazzjoni li tinsab taħt it-tieni subpunt tat-Titolu "5. Deċiżjoni", tad-deċiżjoni kkontestata).

117 F'dawn iċ-ċirkustanzi u fir-rigward tal-prekawzjonijiet li b'hekk ħadet il-Kummissjoni, fir-rigward kemm tal-użu konkret tal-għoti finanzjarju kif ukoll tal-kontroll *a posteriori* ta' dak l-użu, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda raġuni, meta adottat id-deċiżjoni kkontestata, biex titħasseb li dak l-għoti — li barra minn hekk huwa ħafna inqas mill-ammont stmat tal-ispejjeż netti supplimentari li għandhom jiġu kkumpensati — kien ser jintuża għal skopijiet oħrajn apparti l-finanzjament tas-servizz pubbliku tax-xandir.

118 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti huma żbaljati meta, abbażi tal-allegata ineffiċjenza ekonomika ta' France Télévisions fl-eżerċizzju ta' attività kummerċjali li ma taqax taħt is-servizz pubbliku, jopponu l-għoti finanzjarju inkwistjoni, meta ma kien hemm ebda raġuni li tiġġustifika t-ħassib ta' sussidju inkroċjat ta' din l-attività kummerċjali minn dak l-għoti.

119 Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti għandha tiġi mwarrba wkoll ir-referenza li saret minn M6 għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2004, Danske Busvognmænd vs Il-Kummissjoni (T-157/01, Ġabra p. II-917, iktar 'il quddiem, is-"sentenza Danske"), li tikkonċerna, fost miżuri oħrajn, għajnuna f'forma ta' għoti mogħtija lil impriża ta' trasport li għandha kuntratti ta' servizz pubbliku skont l-Artikolu 1(4), u l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 1969, dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 19), kif emendat.

120 Fil-fatt, filwaqt li, f'din il-kawża, l-għoti finanzjarju ta' EUR 150 miljun nnotifikat mir-Repubblika Franċiża kellu speċifikament u esklużivament l-għan li jikkumpensa għall-ispejjeż ta' servizz pubbliku (ta' ammont barra minn hekk ħafna ogħla minn dak tal-għoti), fil-kawża li wasslet għas-sentenza Danske, iċċitata fil-punt 119 iktar 'il fuq, l-għajnuna inkwistjoni kienet miżjuda mar-remunerazzjoni kuntrattwali li l-impriża inkwistjoni kienet liberament aċċettat għat-twettiq ta' kuntratti ta' servizz pubbliku mogħtija lilha mill-awtoritajiet kontraenti Daniżi (sentenza Danske, iċċitata fil-punt 119 iktar 'il fuq, punt 88). Fi kliem ieħor, l-għajnuna inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Danske, iċċitata fil-punt 119 iktar 'il fuq, fil-kuntest tas-sistema kuntrattwali stabbilita mir-Regolament Nru 1191/69 kif emendat, kienet tikkostitwixxi kumpens żejjed.

121 Barra minn hekk, filwaqt li, f'din il-kawża, il-Kummissjoni, fid-dawl tal-prekawzjonijiet meħuda u tal-garanziji mogħtija fid-deċiżjoni kkontestata, ibbażat ruħha raġonevolment fuq l-esklużjoni ta' kull riskju ta' użu tal-għoti finanzjarju għall-iskopijiet ta' sussidju inkroċjat tal-attività kummerċjali ta' France Télévisions, min-naħa l-oħra, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Danske, iċċitata fil-punt 119 iktar 'il fuq, l-għajnuna inkwistjoni kienet tissussidja l-impriża ta' trasport fl-attività kummerċjali tagħha. Fil-fatt, din l-għajnuna kellha preċiżament l-għan li tippermetti lil din l-impriża li tkompli l-attività kummerċjali tagħha minkejja d-defiċits ikkawżati mill-kuntratti ta' servizz pubbliku li tagħhom kienet titolari u li hija kienet rebħet mill-kompetituri l-oħrajn permezz tal-aċċettazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' tariffi li ma jħallux profitt (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Danske, iċċitata fil-punt 119 iktar 'il fuq, punti 80, 87 u 88).

122 B'hekk, b'differenza mill-għoti finanzjarju f'din il-kawża, li l-uniku għan tiegħu huwa li jikkumpensa spejjeż netti tas-servizz pubbliku tax-xandir bl-esklużjoni ta' kull użu għal għanijiet kummerċjali, u li b'hekk ma jaffettwax il-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq tal-bejgħ tal-ispazji tar-riklamar televiżivi fi grad li jmur kontra l-interess komuni, l-għajnuna inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Danske, iċċitata fil-punt 119 iktar 'il fuq, taffettwa direttament il-kompetizzjoni fis-suq tat-trasport.

123 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-attività ta' trasport ma tistax tiġi mqabbla mal-attività tax-xandir pubbliku. Fil-fatt, għalkemm l-attività ta' trasport hija, bħala tali, bla dubju attività ekonomika u kompetittiva u s-servizz pubbliku tat-trasport huwa servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (iktar 'il quddiem, "SIEĠ"), min-naħa l-oħra, fir-rigward tax-xandir pubbliku, il-kwalifikazzjoni adottata ta' SIEĠ, iktar minn servizz ta' interess ġenerali mhux ekonomiku, hija spjegata aħjar mill-impatt li x-xandir ta' servizz pubbliku joħloq, *de facto*, fuq is-settur tax-xandir, li barra minn hekk huwa kompetittiv u kummerċjali, milli minn dimensjoni allegatament kummerċjali tax-xandir ta' servizz pubbliku (sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ġunju 2008, SIC vs Il-Kummissjoni, T-442/03, Ġabra p. II-1161, punt 153).

124 Fil-fatt, u minħabba li dan jirriżulta mill-Protokoll ta' Amsterdam, is-servizz pubbliku tax-xandir huwa "[direttament relatat] mal-ħtiġijiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' kull soċjetà". Fl-istess sens, ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tal-Istati Membri tal-25 ta' Jannar 1999 li tikkonċerna s-servizz pubbliku tax-xandir (ĠU C 30, p. 1) tirrileva li dan is-servizz pubbliku, "fid-dawl tal-funzjonijiet kulturali, soċjali u demokratiċi li dan jassumi għall-ġid komuni, huwa ta' importanza vitali sabiex tiġi żgurata d-demokrazija, il-pluraliżmu, il-koeżjoni soċjali u d-diversità kulturali u lingwistika" (premessa B tar-riżoluzzjoni) (sentenza SIC vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 123 iktar 'il fuq, punt 153).

125 Dawn il-kunsiderazzjonijiet jispjegaw u jiġġustifikaw li l-Istati Membri, permezz tal-Protokoll ta' Amsterdam, ftiehmu li "d-dispożizzjonijiet tat-Trattat [KE] għandhom

ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jipprovdu għall-finanzjament ta' servizz pubbliku ta' xandir sa fejn dan il-finanzjament ikun mogħti lill-organizzazzjonijiet tax-xandir għat-twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku kif mogħtija, definita u organizzata minn kull Stat Membru, u sakemm dan il-finanzjament ma jaffettwax il-kondizzjonijiet ta' kummerċ u l-kompetizzjoni fil-Komunità sal-punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni, waqt li jibqa' jittieħed kont tat-twettiq tal-missjoni ta' dak is-servizz pubbliku".

126 Madankollu, f'din il-kawża, ma huwa bl-ebda mod stabbilit li l-Kummissjoni kellu jkollha dubji fir-rigward tal-għan u l-effetti tal-għoti finanzjarju inkwistjoni. Ma kienx hemm dubju li dan l-għoti ngħata lil France Télévisions unikament għall-finijiet tat-"twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku kif mogħtija, definita u organizzata [mir-Repubblika Franċiża]". Barra minn hekk, ma kienx hemm dubju, fid-dawl tal-prekawzjonijiet meħuda fid-deċiżjoni kkontestata biex jiġi evitat kwalunkwe sussidju inkroċjat, li dan il-finanzjament "ma jaffettwax il-kondizzjonijiet ta' kummerċ u l-kompetizzjoni fil-Komunità sal-punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni".

127 Sussegwentement, fir-rigward tar-referenza li saret minn M6 matul is-seduta, għall-punt 249 tas-sentenza BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 72 iktar 'il fuq, liema punt jikkonċerna r-raba' mill-erba' kundizzjonijiet definiti fil-punti 88 sa 93 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, Ġabra p. I-7747, iktar 'il quddiem, is-"sentenza Altmark" u, fir-rigward tal-kundizzjonijiet previsti iktar 'il fuq, il-"kundizzjonijiet Altmark"), għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li din ir-referenza minn M6 hija żbaljata.

128 Fil-fatt, din ir-referenza, li saret minn M6 bil-għan li ssostni li l-osservanza tar-raba' kundizzjoni Altmark tikkundizzjona l-għoti tad-deroga prevista fl-Artikolu 86(2) KE, hija bbażata fuq konfużjoni bejn il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-kwalifikazzjoni

ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) KE, u dawk li jintużaw sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 86(2) KE.

129 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-uniku għan tal-kundizzjonijiet Altmark huwa l-kwalifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni ta' għajnuna mill-Istat, għall-iskopijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' obbligu ta' notifika ta' din il-miżura lill-Kummissjoni, fl-ipoteżi ta' għajnuna ġdida, jew ta' kooperazzjoni ma' din l-istituzzjoni, fil-każ ta' għajnuna eżistenti (sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Marzu 2009, TF1 vs Il-Kummissjoni, T-354/05, Ġabra p. II-471, punti 130 u 131, u Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Novembru 2009, Andersen vs Il-Kummissjoni, T-87/09, Ġabra p. II-225, punt 57).

130 Barra minn hekk, il-punt 249 tas-sentenza BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 72 iktar 'il fuq, dwar ir-raba' kundizzjoni Altmark, jidħol preċiżament fl-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar il-kwalifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni ta' għajnuna mill-Istat (evalwazzjoni inkluża fil-punti 161 sa 258 tas-sentenza BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 72 iktar 'il fuq), u mhux fl-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 86(2) KE (evalwazzjoni inkluża fil-punti 259 sa 310 tas-sentenza BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq).

131 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li r-referenza li saret minn M6 għas-sentenza BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 72 iktar 'il fuq, tibbaża fuq konfużjoni bejn it-test Altmark, li għandu l-għan li jiddetermina l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) KE, u t-test tal-Artikolu 86(2) KE, li jippermetti l-istabbiliment ta' jekk miżura li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat tistax tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq komuni (sentenza TF1 vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 129 iktar 'il fuq, punt 140).

132 Fir-rigward tal-allegazzjoni, li essenzjalment għamlet M6 matul is-seduta, li l-Artikolu 86(2) KE jinkludi kundizzjoni ta' effiċjenza ekonomika fil-provvista tas-servizz pubbliku, għandu jiġi nnotat, fl-ewwel lok, li din l-allegazzjoni hija irrilevanti f'din il-kawża u, fit-tieni lok, hija fi kwalunkwe każ skorretta.

133 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tan-nuqqas ta' rilevanza ta' din l-allegazzjoni f'din il-kawża, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-effiċjenza ekonomika ta' France Télévisions fil-provvista tas-SIEĠ tax-xandir ma hijiex ikkontestata u lanqas ma hi mqajma f'dawn ir-rikorsi. Ma huwa, fil-fatt, bl-ebda mod allegat li France Télévisions tista' tissodisfa l-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku b'inqas spejjeż.

134 L-unika ħaġa kkontestata f'dawn ir-rikorsi hija l-effiċjenza ekonomika ta' France Télévisions fl-eżerċizzju ta' attività kummerċjali — il-bejgħ ta' spazji tar-riklamar televiżivi — li, għalkemm tipparteċipa fil-finanzjament tas-SIEĠ tax-xandir, madankollu bl-ebda mod ma taqa' taħt dan is-SIEĠ.

135 Madankollu, jekk nassumu li France Télévisions kienet, kif jallegaw ir-rikorrenti, iżda kif tikkontesta formalment din il-kumpannija, ekonomikament ineffiċjenti fl-attività kummerċjali tagħha ta' bejgħ ta' spazji tar-riklamar, din iċ-ċirkustanza ma hija bl-ebda mod ta' natura li ċċaħħad lir-Repubblika Franċiża mill-kompetenza tagħha u mid-dritt tagħha li tiggarantixxi l-finanzjament tas-SIEĠ tax-xandir (ara l-punti 104 sa 109 iktar 'il fuq), kemm-il darba jkunu ttieħdu prekawzjonijiet suffiċjenti li jippermettu l-esklużjoni raġonevoli ta' kull riskju ta' sussidju inkroċjat tal-attività kummerċjali (ara l-punti 110 sa 117 iktar 'il fuq).

136 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 86(2) KE jinkludix kundizzjoni ta' effiċjenza ekonomika tal-operatur reponsabbli mis-servizz pubbliku fil-provvista ta' dan is-servizz, għandu jiġi rrilevat li, skont dik id-dispożizzjoni, l-impriżi inkarigati mill-amministrazzjoni ta' SIEĠ huma suġġetti għar-regoli tal-kompetizzjoni safejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma tostakolax it-twettiq *de*

jure jew *de facto* tal-missjoni partikolari fdata lilhom, bil-kundizzjoni li l-iżvilupp tal-kummerċ ma jkunx affettwat sa grad li jmur kontra l-interess tal-Komunità (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 1991, Franza vs Il-Kummissjoni, C-202/88, Ġabra p. I-1223, punt 11; tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-157/94, Ġabra p. I-5699, punt 28; tal-21 ta' Settembru 1999, Albany, C-67/96, Ġabra p. I-5751, punt 102, u tas-17 ta' Mejju 2001, TNT Traco, C-340/99, Ġabra p. I-4109, punt 52).

137 Meta jkunu permessi, f'ċerti ċirkustanzi, derogi mir-regoli ġenerali tat-Trattat, l-Artikolu 86(2) KE jfittex li jirrikonċilja l-interess tal-Istati Membri li jużaw ċerti impriżi, b'mod partikolari fis-settur pubbliku, bħala strument ta' politika ekonomika jew soċjali, mal-interess tal-Komunità li tiżgura konformità mar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-unità tas-suq komuni (sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 136 iktar 'il fuq, punt 12; Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata fil-punt 136 iktar 'il fuq, punt 39, u Albany, iċċitata fil-punt 136 iktar 'il fuq, punt 103).

138 Għandu jitfakkar li ma huwiex neċessarju, sabiex il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) KE jiġu sodisfatti, li l-bilanċ finanzjarju jew il-vijabbiltà ekonomika tal-impriża inkarigata mill-amministrazzjoni ta' SIEĠ ikunu mhedda. Huwa biżżejjed li, fin-nuqqas tad-drittijiet inkwistjoni, ma jkunx possibbli għall-impriża li twettaq funzjonijiet partikolari fdati lilha, kif definiti mill-obbligi u r-restrizzjonijiet imposti fuqha jew li ż-żamma ta' dawk id-drittijiet tkun neċessarja biex min hu intitolat għalihom ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet ta' interess ekonomiku ġenerali li ġew assenjati lilu taħt kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabli (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, iċċitata fil-punt 136 iktar 'il fuq, punti 52 u 53; Albany, iċċitata fil-punt 136 iktar 'il fuq, punt 107; TNT Traco, iċċitata fil-punt 136 iktar 'il fuq, punt 54, u tal-15 ta' Novembru 2007, International Mail Spain, C-162/06, Ġabra p. I-9911, punt 35; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 1993, Corbeau, C-320/91, Ġabra p. I-2533, punti 14 sa 16).

139 Barra minn hekk, il-Kummissjoni, fin-nuqqas — bħal f'din il-kawża — ta' regolament Komunitarju armonizzat f'dan is-suġġett, ma hijiex kapaċi tiddeċiedi dwar il-limitu

tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku fdati lill-operatur pubbliku, jiġifieri l-livell tal-ispejjeż marbutin ma' dan is-servizz, u lanqas dwar l-opportunità tal-għażliet politiċi meħudin, f'dan ir-rigward, mill-awtoritajiet nazzjonali, u lanqas fuq l-effiċjenza ekonomika tal-operatur pubbliku (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro fis-sentenza Corbeau, iċċitata fil-punt 138 iktar 'il fuq, Ġabra p. I-2548, punt 16, u tal-Avukat Ġenerali Tizzano fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2001, Ferring, C-53/00, Ġabra p. I-9067, I-9069, punt 51; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 1997, FFSA *et* vs Il-Kummissjoni, T-106/95, Ġabra p. II-229, punt 108).

140 Minn dan isegwi li l-kwistjoni dwar jekk impriża inkarigata mis-SIEĠ tax-xandir tistax tissodisfa l-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku bl-inqas spiża hija irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-finanzjament mill-Istat ta' dan is-servizz fir-rigward tar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat. L-għan tal-Artikolu 86(2) KE huwa, permezz tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-għajnuna, li jipprevjeni li l-operatur inkarigat mis-SIEĠ jibbenefika minn finanzjament li jaqbeż l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku.

141 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li mhux biss l-effiċjenza ekonomika ta' France Télévisions fil-provvista tas-SIEĠ tax-xandir ma hijiex inkwistjoni f'din il-kawża (ara l-punti 133 sa 135 iktar 'il fuq), iżda din l-effiċjenza ekonomika hija, fi kwalunkwe każ, irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għoti finanzjarju mas-suq komuni skont l-Artikolu 86(2) KE.

142 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kritiki tar-rikorrenti bbażati fuq it-tul tal-proċedura ta' investigazzjoni preliminari u l-fatt li l-Kummissjoni għamlet kuntatt wieħed biss mal-awtoritajiet Franċiżi (ara l-punt 41 iktar 'il fuq), dawn iċ-ċirkustanzi bl-ebda mod ma jikkostitwixxu indikazzjoni tal-eżistenza ta' diffikultà serja, iżda pjuttost jirriflettu, kif tenfasizza l-Kummissjoni, il-fatt li l-eżami tal-kompatibbiltà mas-suq komuni tal-miżura nnotifikata f'din il-kawża ma jqajjem l-ebda diffikultà partikolari.

143 Fin-nuqqas ta' diffikultajiet gravi ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni, ebda dispożizzjoni li tirriżulta mit-Trattat jew minn regola oħra ta' dritt ma kienet timponi lill-Kummissjoni sabiex tipproċedi b'mod differenti minn kif għamlet fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni preliminari tal-Artikolu 88(3) KE, u lanqas, b'mod partikolari, li tisma' lill-partijiet ikkonċernati kif kellha tagħmel kieku bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali abbażi tal-Artikolu 88(2) KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Thermenhotel Stoiser Franz *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 72 iktar 'il fuq, punt 90). Għaldaqstant ir-rikorrenti huma żbaljati meta jallegaw li, billi naqset milli tikkonsulta l-partijiet interessati, il-Kummissjoni ma osservatx il-prinċipju ta' kontradittorju.

144 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li minnhom jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-miżura nnotifikata ma qajmet, fid-dawl tal-informazzjoni suffiċjenti li kellha l-Kummissjoni, ebda diffikultà serja, għandhom jinċaħdu dawn il-motivi.

Fuq it-tielet motiv ta' M6 u t-tieni motiv ta' TF1, li jirriżultaw minn ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

L-argumenti tal-partijiet

145 TF1, sostnuta minn Canal +, tenfasizza li, minħabba li l-Kummissjoni kienet naqset milli tiġbor l-informazzjoni neċessarja u tikkunsidra l-informazzjoni li kellha diġà, hemm lakuni fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

146 Barra minn hekk, huma jsostnu li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar issostituzzjoni ta' riżorsi pubbliċi mar-riżorsi kummerċjali ta' France Télévisions għattotalità tat-telf tad-dħul mir-riklamar huwa inadegwat u insuffiċjenti. Fil-fatt, jirriżulta mill-pożizzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni li jistgħu jitnaqqsu biss mill-ispejjeż grossi ta' servizz pubbliku l-profitti netti direttament jew indirettament marbutin mat-twettiq tas-servizz pubbliku [ara l-punt 57 tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir u l-punt 123 tad-Deċiżjoni 2004/339/KE tal-Kummissjoni, tal-15 ta' Ottubru 2003, dwar il-miżuri implementati mill-Italja fir-rigward tar-RAI SpA (ĠU 2004, L 119, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni RAI")]. Id-dħul kummerċjali mhux marbut masservizz pubbliku għandu jkun riżervat għall-attivitajiet kummerċjali u ma jistax jitnaqqas mill-ħlasijiet grossi tas-servizz pubbliku. Madankollu, id-dikjarazzjoni li t-tnaqqis tar-riżorsi privati jżid "awtomatikament u proporzjonalment" l-ispiża netta tal-attività tas-servizz pubbliku tinjora din id-distinzjoni.

147 Fir-replika tagħha, TF1 tippreċiża li, inkwantu l-kunċett ta' dħul kummerċjali jirreferi għal fatturat u mhux għal profitt nett tal-ħlasijiet kummerċjali, il-Kummissjoni, permezz tal-pożizzjoni mfakkra fil-punt preċedenti, tidher li taċċetta, b'differenza mill-pożizzjonijiet preċedenti tagħha, li l-għoti inkwistjoni jista' jikkumpensa mhux biss għaż-żieda tal-ispiża netta tas-servizz pubbliku, iżda, fil-verità, għal spejjeż kummerċjali wkoll.

148 Id-deċiżjoni kkontestata għalhekk ma hijiex motivata biżżejjed f'dak li jikkonċerna din il-bidla apparenti fl-approċċ tal-Kummissjoni b'relazzjoni mal-prattika preċedenti tagħha, u lanqas ma hi motivata biżżejjed f'dak li jikkonċerna n-nuqqas ta' riskju ta' sussidju inkroċjat. Dan il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi indikazzjoni ta' diffikultà serja.

149 M6, sostnuta minn Canal +, min-naħa tagħha, tenfasizza li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi ebda kunsiderazzjoni ta' natura li tistabbilixxi l-eżattezza tad-dikjarazzjoni li "d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Jannar 2008 u l-konferma tat-tneħħija eventwali tarriklami kellhom impatt immedjat fuq il-finanzi ta' France Télévisions". Lil hinn

minn deskrizzjoni tal-"effett ta' dikjarazzjoni" u tat-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar, id-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi ebda spjegazzjoni ekonomika tar-rabta kawżali diretta bejn id-dikjarazzjoni tat-8 ta' Jannar 2008 u r-riżultati ħżiena tar-riklamar ta' France Télévisions. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

150 Fl-istess sens, l-affermazzjoni li tinsab fil-punt 27 tad-deċiżjoni kkontestata, li "l-għoti nnotifikat jidher […] iktar bħala kumpens għall-effett tad-dikjarazzjoni tal-irtirar mis-suq tar-riklamar li saret mill-Istat regolatur milli opportunità ta' investiment meħuda mill-Istat azzjonist", liema affermazzjoni ma hijiex sostnuta u tinsab 'il bogħod mill-veritajiet tas-suq tar-riklamar fi Franza, tikkonferma n-nuqqas, fid-deċiżjoni kkontestata, ta' evalwazzjoni dettaljata tal-kawżi veri tat-telf ta' dħul mir-riklami ta' France Télévisions. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

151 Fir-rigward tal-affermazzjoni inkluża fil-punt 9 tad-deċiżjoni kkontestata rigward ir-reazzjoni tal-kompetituri li adattaw l-offerta kummerċjali tagħhom sabiex jirbħu lil min irid jirriklama mingħand France Télévisions, din mhux talli hija żbaljata, iżda lanqas ma hi ġustifikata, u hija xhieda tal-informazzjoni ħażina li kellha l-Kummissjoni u tan-natura superfiċjali tal-analiżi tagħha.

152 Il-Kummissjoni għalhekk naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. Il-ksur ta' dan l-obbligu jixhed l-eżistenza ta' diffikultajiet gravi li kellhom jobbligaw lill-Kummissjoni tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali.

153 Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika Franċiża u minn France Télévisions, targumenta li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata fit-terminu tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari tal-għajnuniet mill-Istat, li għandha biss bħala għan li tippermetti lill-Kummissjoni li tifforma l-ewwel opinjoni dwar il-kompatibbiltà parzjali jew totali tal-għajnuna kkonċernata, mingħajr ma tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali. Madankollu, skont il-Kummissjoni, tali deċiżjoni, meħuda f'termini qosra, għandha tinkludi biss ir-raġunijiet li abbażi tagħhom hija jidhrilha li

ma hemmx diffikultajiet gravi ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni teħtieġ biss motivazzjoni fil-qosor.

154 Il-Kummissjoni tenfasizza li fir-rigward tal-kuntest tad-deċiżjoni kkontestata, din seħħet wara żewġ deċiżjonijiet oħra favorevoli li permezz tagħhom hija stmat li sussidji ta' investiment u għoti ta' kapital għall-profitt tal-istazzjonijiet ta' France Télévisions jikkostitwixxu għajnuniet kompatibbli mas-suq komuni. Għalkemm l-għoti eżaminat f'din il-kawża huwa distint minn dawn il-miżuri preċedenti, huwa madankollu jinsab fil-kuntest ġenerali tal-finanzjament pubbliku ta' France Télévisions eżaminat f'dawn id-deċiżjonijiet. Minħabba dan, il-Kummissjoni tindika li kellha bażi perfetta biex ikollha, f'din il-kawża, motivazzjoni iktar konċiża minn dik li kienet tipproduċi fin-nuqqas ta' deċiżjonijiet preċedenti.

155 Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni kkontestata tinkludi l-elementi kollha neċessarji tar-raġunament tal-Kummissjoni u tissodisfa perfettament ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE.

156 Fir-rigward tal-argument ta' TF1 li, meta l-Kummissjoni tkun allegatament naqset milli tiġbor l-informazzjoni neċessarja u tikkunsidra l-informazzjoni li kellha diġà, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tista' tkun biss lakunarja, il-Kummissjoni tikkonstata li dan l-argument jikkonfondi kwistjoni sostantiva ma' kwistjoni proċedurali. Il-Kummissjoni esprimiet b'mod ċar ir-raġunament tagħha fid-deċiżjoni kkontestata, li TF1 ma kkontestatx, u din tal-aħħar allegat biss li r-raġunament kien ibbażat fuq informazzjoni insuffiċjenti u mhux konvinċenti. Madankollu, dan jirrigwarda kwistjoni sostantiva u mhux ta' motivazzjoni, li l-Kummissjoni diġà ssodisfat fil-kuntest tal-ewwel motiv.

157 Rigward l-argument li permezz tiegħu TF1 tikkritika lill-Kummissjoni li kkunsidrat li kull telf tad-dħul mir-riklamar (inkluż dħul ipotetiku mhux marbut mas-servizz pubbliku) jirriżulta f'żieda tal-ispiża netta tas-servizz pubbliku, filwaqt li t-telf ta' dħul mir-riklamar marbut mas-servizz pubbliku biss jista' jirriżulta f'tali żieda, il-Kummissjoni tenfasizza li huwa ċar li t-tnaqqis osservat kien dak tad-dħul kummerċjali marbut mat-twettiq tas-servizz pubbliku. Fil-fatt, jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata li l-għajnuna eżaminata kellha l-għan li tikkumpensa għat-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions (kif ukoll għaż-żieda fl-ispejjeż tas-servizz pubbliku). Dan id-dħul jirriżulta mix-xandir ta' riklami bejn il-programmi ta' France Télévisions u dawn il-programmi jirriżultaw mill-missjoni ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions, hekk kif jirriżulta wkoll mill-punt 36 tad-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant l-ispjegazzjoni allegatament nieqsa tirriżulta mill-provi u l-Kummissjoni ma tarax għaliex kien meħtieġ li tiġi motivata ulterjorment id-deċiżjoni kkontestata.

158 Fir-rigward tal-kritika ta' TF1 li l-Kummissjoni kkonfondiet dħul kummerċjali u profitt kummerċjali nett, b'hekk illi ma kinitx protetta biżżejjed kontra r-riskju ta' sussidji inkroċjati u tbiegħedet mill-prattika preċedenti tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza li xejn ma kien jagħti lok għal tħassib li l-ħlasijiet kummerċjali ta' France Télévisions setgħu jonqsu b'mod sinjifikattiv fl-2008, u li anki fl-ipoteżi li France Télévisions tissepara ruħha parzjalment mill-persunal tagħha għall-attivitajiet kummerċjali, dan kien jippreżenta, fuq medda ta' żmien qasir, spiża addizzjonali. Il-fatt li l-Kummissjoni ma spekulatx, matul l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, dwar il-bidliet ipotetiċi fit-tnaqqis tal-ispejjeż ta' amministrazzjoni tar-riklami fil-futur, ma jaffettwax il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata u ma jikkontradixxix l-approċċ adottat mill-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha.

159 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-bżonn ta' finanzjament ta' France Télévisions għall-2008 irriżulta minħabba tnaqqis fid-dħul mir-riklamar, stmat għal EUR 150 miljun, u minn żieda fl-ispejjeż ta' programmazzjoni, stmata għal iktar minn EUR 145 miljun, jiġifieri total ta' EUR 300 miljun, filwaqt li l-għoti nnotifikat ammonta għal EUR 150 miljun. Fir-rigward ta' dawn l-ammonti kbar, kien għalhekk previst biss li jiġi kkumpensat nofs iż-żieda tal-ispiża netta ta' servizz pubbliku ta' France

Télévisions. Fir-rigward ta' dawn l-ammonti kbar, l-ispejjeż marbutin mal-attivitajiet kummerċjali ta' France Télévisions kienu, xorta waħda, limitati u l-evoluzzjoni tagħhom fuq medda ta' żmien qasir kienet perfettament negliġibbli.

160 Fir-rigward tal-argument ta' M6 li hija ma evalwatx preċiżament il-kundizzjonijiet konkreti li wasslu għat-telf fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions, il-Kummissjoni tenfasizza li ma kienx essenzjali, għall-għanijiet tad-deċiżjoni kkontestata, li tfittex il-kawżi preċiżi ta' dan it-telf.

161 F'dak li jikkonċerna l-motivazzjoni tal-punt 9 tad-deċiżjoni kkontestata, dwar il-kawżi tat-tnaqqis fid-dħul mir-reklamar ta' France Télévisions, l-elementi kkontestati minn M6 huma inċidentali fl-iskema ġenerali tad-deċiżjoni kkontestata.

162 Fir-rigward tal-kritika ta' M6 tal-motivazzjoni tal-punt 27 tad-deċiżjoni kkontestata, dwar il-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni tindika li għandha dubji dwar is-sens preċiż ta' din il-kritika u tenfasizza li dan il-punt tad-deċiżjoni kkontestata fih biss argumenti ta' sens komun, li M6 bl-ebda mod ma turi n-natura żbaljata tiegħu.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

163 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni mitluba permezz tal-Artikolu 253 KE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u mhux ekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni li tkun adottat l-att

b'tali mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjoni tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jkun evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari skont il-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-elementi kollha rilevanti ta' fatt u ta' dritt, inkwantu l-kwistjoni jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll fil-kuntest tagħha kif ukoll fid-dawl tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 2001, Franza vs Il-Kummissjoni, C-17/99, Ġabra p. I-2481, punti 35 u 36, u tat-22 ta' Diċembru 2008, Regie Networks, C-333/07, Ġabra p. I-10807, punt 63; sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ottubru 1996, Skibsvaerftsforeningen *et* vs Il-Kummissjoni, T-266/94, Ġabra p. II-1399, punt 230).

164 Fir-rigward tal-argument ta' TF1 (ara l-punt 145 iktar 'il fuq) li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata hija lakunarja minħabba li l-Kummissjoni naqset milli tiġbor l-informazzjoni neċessarja u tikkunsidra dik li kellha diġà, dan l-argument għandu jiġu miċħud, minħabba li huwa konfuż, fil-verità, mal-kritiki sostantivi li jiddenunzjaw l-allegata insuffiċjenza tal-informazzjoni u tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni, diġà mwarrba fil-kuntest tal-eżami tal-motivi preċedenti ta' annullament.

165 Fir-rigward tal-argument ta' TF1 (ara l-punti 146 u 147 iktar 'il fuq) li l-Kummissjoni, mingħajr motivazzjoni, warrbet il-prattika preċedenti tagħha meta aċċettat sostituzzjoni ta' riżorsi pubbliċi mar-riżorsi kummerċjali għat-totalità tat-telf mir-riklamar ta' France Télévisions, għandu jitfakkar li l-osservanza tal-kriterju ta' proporzjonalità jirrikjedi "li l-għajnuniet mill-Istat ma jaqbżux l-ispejjeż netti kkawżati mill-missjoni ta' servizz pubbliku, fid-dawl tad-dħul dirett jew indirett l-ieħor li jirriżulta minn din tal-aħħar" (punt 57 tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir). Il-Kummissjoni tgħid ukoll li "huwa għalhekk li l-profitti netti li l-attivitajiet kummerċjali

jiksbu mis-servizz pubbliku jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-għajnuna" (punt 57 tal-komunikazzjoni msemmija). [traduzzjoni mhux uffiċjali]

166 Fl-istess sens, il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni RAI, indikat li "l-kumpens huwa aċċettat biss għall-ispejjeż netti marbutin mal-funzjonament ta' servizz pubbliku", u li "dan ifisser li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni dħul dirett jew indirett li jirriżulta mis-servizz pubbliku […], jeħtieġ jiġi konkluż, pereżempju, id-dħul mir-rekalmar nett miksub matul ix-xandir mill-ġdid ta' programmi li jirriżultaw mis-servizz pubbliku kif ukoll mix-xandir mill-ġdid ta' programmi li jirriżultaw mill-kummerċjalizzazzjoni ta' dan it-tip ta' programmi" (punt 123 tad-deċiżjoni RAI). [traduzzjoni mhux uffiċjali]

167 Inkwantu, fl-ewwel lok, li l-argument ta' TF1 ippreżentat iktar 'il fuq jibbaża fuq il-pożizzjoni li d-dħul kummerċjali mhux marbut mas-servizz pubbliku ma jirriżultax mill-ħlasijiet grossi tas-servizz pubbliku, li bħala korollarju għandu li t-tnaqqis ta' tali dħul kummerċjali ma jistax ikollu bħala effett li jżid l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku (ara l-punt 146 iktar 'il fuq), huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li t-tnaqqis fid-dħul kummerċjali kkonstatat f'din il-kawża jikkonċerna dħul marbut mas-servizz pubbliku, minħabba li dan kien jirrigwarda dħul li rriżulta mill-bejgħ ta' spazji tar-riklamar imdaħħlin fil-programmazzjoni ta' servizz pubbliku mxandar minn France Télévisions. Il-Kummissjoni għalhekk bl-ebda mod ma tbiegħdet mill-prattika preċedenti tagħha meta kkunsidrat li t-tnaqqis fid-dħul mir-riklamar ta' France Télévisions ikkawża żieda fl-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku.

168 Inkwantu, fit-tieni lok, permezz tal-argument ippreżentat iktar 'il fuq, hekk kif ifformulat fir-replika (ara l-punt 147 iktar 'il fuq), TF1 tikkritika lill-Kummissjoni li kkonfondiet il-kunċett ta' dħul kummerċjali ma' dak ta' profitt nett u li allura aċċettat, waqt li warrbet il-prattika preċedenti tagħha mingħajr spjegazzjoni, li l-għoti nnotifikat jista' jikkumpensa l-ispejjeż kummerċjali, diġà ġie kkonstatat (ara l-punti 90 u 91 iktar 'il fuq) li l-Kummissjoni ma kkonfondietx il-kunċetti msemmija iktar 'il fuq, iżda kkunsidrat, essenzjalment, li t-tnaqqis fid-dħul kummerċjali fl-2008 ma kien akkumpanjat minn ebda varjazzjoni fil-ħlasijiet kummerċjali ta' daqs li jista'

jostakola l-istabbiliment ta' relazzjoni ta' proporzjonalità bejn it-tnaqqis fid-dħul imsemmi u dak tal-profitt nett u, għalhekk, bejn it-tnaqqis fid-dħul u ż-żieda tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku. Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni ma ddevjatx mill-prattika preċedenti tagħha.

169 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li, peress li l-Kummissjoni b'ebda mod ma ddevjat mill-prattika preċedenti tagħha, l-argument ta' TF1 li jallega nuqqas ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward għandu jiġi miċħud bħala bbażat fuq premessa żbaljata.

170 Fir-rigward tal-argumenti (ara l-punti 149 sa 151 iktar 'il fuq) li permezz tagħhom M6 tiddenunzja, essenzjalment, in-natura insuffiċjenti tal-eżami tal-kawżi preċiżi tat-tnaqqis fid-dħul mir-reklamar u n-natura żbaljata u mhux ġustifikata tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-punt 9 tad-deċiżjoni kkontestata rigward ir-reazzjoni tal-kompetituri għad-dikjarazzjoni tat-8 ta' Jannar 2008, għandu jiġi nnotat li dawn l-argumenti huma konfużi, essenzjalment, mal-kritiki mressqa fil-kuntest tal-motivi preċedenti ta' annullament u li diġà ġew miċħuda.

171 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li dawn il-motivi ta' annullament, li jirriżultaw mill-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, għandhom jiġu miċħuda.

172 Minħabba li r-rikorrenti tilfu l-motivi kollha tagħhom, dawn ir-rikorsi għandhom jiġu miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

173 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Skont l-Artikolu 87(4) tal-istess Regoli, l-Istati Membri li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

174 Peress li r-rikorrenti tilfu, huma għandhom jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk tal-Kummissjoni u ta' France Télévisions, kif mitlub minn dawn tal-aħħar.

175 Canal +, li interveniet insostenn tal-konklużjonijiet tar-rikorrenti, kif ukoll ir-Repubblika Franċiża, li interveniet insostenn tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikorsi huma miċħuda.

2) Métropole télévision (M6) hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha fil-Kawża T-568/08 kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn France Télévisions f'din il-kawża.

3) Télévision française 1 SA (TF1) hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha fil-Kawża T-573/08 kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u France Télévisions f'din il-kawża.

4) Ir-Repubblika Franċiża u Canal + għandhom ibatu, kull wieħed minnhom, l-ispejjeż tagħhom fil-Kawżi T-568/08 u T-573/08.

Vilaras Prek Ciucă

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-1 ta' Lulju 2010.

Firem